Ħarġa nru. 60 - Marzu 2012

B'XEJN ma' l-orizzont

# SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar



Illum issir ir-Regatta ta' Jum il-Ħelsien paġna 34



Luxol jirbħu l-BOV Knock-Out paġna 38



Programmi nteressanti fit-Tiġrijiet taż-Żwiemel paġna 44



KAMPJONAT

## BOV Premier

# Valletta leaders assoluti

» Aktar f'paġna 20

• FUTBOL • ŻWIEMEL • MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
• KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT •
• STORJA TAL-FUTBOL MALTI • POOL • SNOOKER
• BASKETBALL • FORMULA WIEĦED

Le MERIDIEN
ST. JULIANS HOTEL & SPA

IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' LE MERIDIEN


Gillette
Fusion
PROGLIDE
NEW
GILLETTE'S
MOST ADVANCED RAZOR*
Smooth shave
Less tug and pull***
Thinner blades**
* In manual and power respectively ** Lead blades vs. Fusion. ***Vs Fusion
Trade Enquiries VJ Salomone (Marketing) Tel: 8007 2387.



## Marzu

Ninsabu fix-xahar tar-rebbiegħa li fih tibda l-ġirja finali għar-rebħ tal-Kampjonati rispettivi.

Fil-Kampjonat Premier, l-isfida għar-rebħ tat-titlu hija bejn Valletta u Hibernians filwaqt li t-tliet timijiet ta' Birkirkara, Floriana u Sliema Wanderers jinsabu f'taqtiegħa bejniethom għat-tielet pożizzjoni li tfisser post fil-kompetizzjoni Ewropea tal-UEFA Europa League.

Matul dan ix-xahar kien hemm il-ħames riżenja tal-istaġun meta Michael Woods iddeċieda li ma jibqax kowċ ta' Floriana biex il-Greens ħatru lil Joe Brincat bħala s-suċċessur tiegħu.

Il-Basketball ukoll jinsab f'fażi mill-aktar interessanti. Wara li Siggiewi rebħu l-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni, saru magħrufa it-timijiet li kkwalifikaw għall-play-offs għar-rebħ tat-titlu tal-Ewwel Diviżjoni. Fil-Kampjonat tan-Nisa hemm indikazzjoniijet kbar min jistgħu jkunu l-ewwel erba' timijiet.

Proprju llum, issir ir-Regatta tal-31 ta' Marzu, fil-Port il-Kbir, fejn id-distrett tal-Isla jkun qed jiddefendi t-titlu.

Dan kollu ... u aktar ... issibuh fl-aktar magażin popolari ....

Jesmond Moore - Editur





# Irbaħ ma'

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

**Min huwa l-kowċ il-ġdid ta' Floriana wara li rriżenja Michael Woods mill-kariga tiegħu?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Marzu, 2012:

**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**

Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 58 hija:*

**Liechtenstein**

*u r-rebbieħa huma (1) Matthew Portelli - Mqabba (2) Dario Conti - Qawra (3) Joe Vassallo - Mosta*

TeamSporT®



1



2



3




Maltco LOTTERIES
MALTCO LOTTERIES Limited
Help Line Centre: 2388 3333

www.maltco.com







# SPORTIV


Ħarġa nru 60
**SPORTIV**
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Union Print**
Union Print Co. Ltd
Marsa Tel: 25900265

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Reklamar**
Alfred Caruana (Manager)
acaruana@unionprint.com.mt

Claudia Mifsud
sportivmalta@yahoo.com

**Ritratti**
Ray Attard, Charles Marsh,
Roger Azzopardi

*Cover - Titjira spettakolari tal-gowlkiper ta' Sliema W., Henry Bonello, jilqa' penalti kontra Valletta (Ritratt: Ray Attard)*

UNION PRINT CO. LTD
SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta


# Werrej


4 **MFA**
Malta torganizza l-Fażi Finali tal-Kampjonat U/17 tal-UEFA fl-2014

14 **Partita ta' ħbiberija**
Doppjetta ta' Mifsud

16 **Under 21**
Telfa wara vantaġġ kmieni

18 **U*Bet FA Trophy**
Il-holders Floriana eliminati

20 **Premier**
Valletta jillidjaw fiċ-Championship Pool

24 **I Diviżjoni**
St. George's jirbħu l-punti fuq il-mejda kontra Pietà H.

26 **II Diviżjoni**
Telfa kbira għal-leaders Gzira United

27 **III Diviżjoni**
Pembroke A. jifthu vantaġġ ta' 10 punti

28 **Youth FA**
Il-Malta Football Association tqassam €288,943 mill-UEFA Solidarity Fund

30 **KMS**
12,881 persuna ħadu sehem f'attivitajiet sportivi organizzati mill-Kunsilli Lokali fl-aħħar snin

38 **Basketball**
Luxol jirbħu l-BOV Knock-Out tal-Irġiel

40 **Malta Marathon**
Il-Marokkin Hajji viċin li jikser ir-rekord ta' kull żmien

42 **Gozo Sports**
Mons. Isqof Mario Grech jiltaqa' mal-Kunsill tal-Gozo Football Association

44 **Tiġrijiet taż-Żwiemel**
Xahar ta' Kampjonati u Finali fil-Marsa

46 **Snooker/Pool**
Riżultat prestiġjuż miż-żgħażagħ Maltin

48 **Storja tar-Regatta**
It-Tiġrija tal-Vitorja (1990-1999)... It-Tieni Parti

50 **L-Istorja tal-Futbol Malti**
Il-leaders Sliema Wanderers isofru l-ewwel telfa

52 **Formula 1**
Button u Alonso jirbħu l-ewwel żewġ Grand Prix

55 **Shockwave therapy**
Jikteb Dr. Kirill Micallef Stafrace

56 **Spot the Ball u Tisliba**
Irbaħ ma' SPORTIV



**Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-gurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.**



maltafootball.com

ritratti minn Domenic Aquilina, Paul Zammit Cutajar u Joe Borg



Il-Kumitat Eżekuttiv waqt il-laqgħa ta' Istanbul



Michel Platini, President tal-UEFA, jidher qiegħed jindirizza l-Kungress fit-Turkija

# Malta tirbaħ id-dritt li torganizza l-fażi finali tal-Kampjonat U/17 tal-UEFA fl-2014

**Malta kienet magħżula biex tospita l-edizzjoni tas-sena, 2014, tal-fażi finali tat-tournament tal-UEFA ta' Taħt is-17-il sena. Id-deċiżjoni ttieħdet mill-Kumitat Eżekuttiv tal-UEFA li ltaqa' f'Istanbul fit-Turkija matul dan ix-xahar. L-MFA tefgħet il-bid tagħha flimkien ma' bosta pajjiżi oħra u finalment rebħet id-dritt li torganizza dan l-avveniment prestiġġuż.**

Din se tkun l-ewwel darba li Malta se torganizza avveniment ta' din ix-xorta, fejn l-aqwa nazzjonijiet fil-kategorija rispettiva se jisfidaw lil xulxin propju f'pajjiżna. Fi stqarrija li ħarġet l-MFA hekk kif kienet imħabbra d-deċiżjoni kien irrimarkat is-sodisfazzjon li l-MFA ingħatat ir-responsabbiltà li torganizza fażi finali ta' Kampjonat Ewropew.

Din hija deċiżjoni li tikkonferma r-rispett u l-fiduċja li tgawdi l-MFA fi ħdan il-UEFA, temmet tgħid l-istess stqarrija. Il-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, kellu kliem ta' ewforija dwar is-suċċess tal-MFA li kienet fdata bl-organizzazzjoni ta' avveniment importanti u tenna li din se tkun sfida sabiħa għall-MFA u li se toffri opportunitajiet uniċi. Darmanin Demajo rringrazzja lill-UEFA u l-uffiċjali tagħha tal-fiduċja li urew f'pajjiżna u fl-MFA.

Il-Kumitat Eżekuttiv tal-UEFA, fl-istess laqgħa li saret fit Turkija, iddeċieda fejn se jintlagħbu numru ta' Kampjonati Ewropej f'kategoriji diversi, fosthom dawk tal-U/21, U/19 u l-U/17 tal-Irġiel u kif ukoll tan-Nisa. F'Malta, se tkun l-aħħar darba li l-fażi finali se ssir bejn tmien timijiet, għaliex propju mill-edizzjoni ta' wara, li se ssir fil-Bulgarija, it-timijiet li jikkwalifikaw għal din il-fażi se jiżdiedu għal sittax.

Il-UEFA ddeċidiet ukoll li l-final tal-UEFA Champions League tal-2014 se tintlagħab fi Estadio da Luz, f'Lisbona, u l-finali tal-UEFA Europa League tal-istess sena se tintlagħab fil-Juventus Stadium, f'Turin.

B'hekk, u għalkemm il-limitazzjonijiet ta' pajjiżna huma varji, din se tkun opportunità unika għall-MFA biex tkompli ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala assoċjazzjoni dinamika u li kapaċi torganizza avvenimenti ta' kull xorta. M'hemmx dubju li din se ssarraf ukoll f'okkazjoni importanti għat-tim nazzjonali Malti ta' Taħt is-17-il sena li se jikkompeti f'dan it-tournament ta' livell kontra l-aqwa nazzjonijiet fl-Ewropa.

Matul l-istess ġimgħa meta saret il-laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv tal-UEFA, sar ukoll is-36 Kungress Ordinarju tal-istess UEFA, bl-MFA tkun irrappreżentata mill-president Norman Darmanin Demajo, il-Kap Eżekuttiv Bjorn Vassallo, is-Segretarju Ġenerali Joseph Gauci u t-Teżorier Antoine Portelli.



Il-partitarji Maltin li gawdew mill-inizjattiva tal-MFA u daħlu jaraw il-logħba tat-tim nazzjonali mingħajr ħlas

# Malta tavvanza 11-il post fir-Rankings tal-FIFa

©Joe Borg

## L-MFA tħabbar *open-gates* għall-aħħar logħbiet ta' ħbiberija

**Bir-rebħa bl-iskor ta' 2-1 li t-tim nazzjonali Malti kiseb kontra Liechtenstein, fi Frar li għadda, Malta avvanzat 11-il pożizzjoni fil-FIFA Coca Cola Rankings u issa tinsab tokkupa l-148 post fid-dinja. Sakemm fil-ġimgħat li ġejjin jinħatar kowċ nazzjonali ġdid, id-Direttur Tekniku Robert Gatt mexxa lit-tim nazzjonali, fejn introduċa bosta plejers ġodda u għal uħud minnhom dan kien saħansitra id-debutt bil-flokk tat-tim nazzjonali Malti. L-eroj tal-Maltin kien l-attakkant Michael Mifsud li skorja żewġ goals fit-tieni taqsima biex dawwar ir-riżultat favur it-tim Malti wara li kien goal minn taħt.**

Għal-logħba ta' ħbiberija kontra Liechtenstein u kif ukoll għal-logħba ta' ħbiberija ta' Taħt il-21 sena kontra l-Ungerija, l-MFA ħabbret li kienet se toffri inċentiv billi għal dawn il-logħbiet id-dħul kien b'xejn. Fil-fatt il-pubbliku sportiv irrikorra b'mod inkoraġġanti u għal dawk li ma setgħux jattendu fl-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali, il-logħba intweriet diretta fuq l-istazzjon tal-istat, Education 22.

L-MFA għamlet dan il-ġest biex tkompli tressaq aktar partitarji Maltin qrib it-timijiet nazzjonali, kampanja li ilha sejra għal dawn l-aħħar xhur u li qajmet entużjażmu ġdid lejn il-kuluri ta' pajjiżna.

Intant, bl-avvanz ta' 11-il pożizzjoni fir-*rankings* tal-FIFA, Malta issa naqqset l-iżvantaġġ fil-klassifika li kellha fil-konfront tal-Kazakhstan u l-Moldova, żewġ nazzjonijiet Ewropej li jinsabu fil-142 post u l-143 post rispettivament. Malta għadha tinsab fil-51 post fost in-nazzjonijiet Ewropej.

L-impenn li jmiss għat-tim nazzjonali Malti se jkun, fit-2 ta' Ġunju li ġej, meta jilgħab logħba oħra ta' ħbiberija, din id-darba kontra l-Lussemburgu. Filwaqt li t-tim ta' Taħt il-21 sena, immexxi minn Ray Farrugia, se jkun impenjat ukoll f'Ġunju b'żewġ logħbiet barra minn daru, hekk kif jilgħab kontra s-Slovenja u l-Isvezja, logħbiet ta' kwalifikazzjoni mill-Kampjonat tal-UEFA.



© D. Aquilina

Plejers Maltin jifirħu mal-awtur tal-goals, l-attakkant Michael Mifsud



# Malta fi Grupp 5 tal-UEFA Regions' Cup

**Fil-polza ta' Nyon, Malta ttellgħet, fi Grupp 5, tat-tmien edizzjoni tal-UEFA Regions' Cup, li se tintlagħab bejn l-aħħar ta' din is-sena u s-sena d-dieħla. Meta ttellgħu l-poloz ta' din il-kompetizzjoni kontinentali, riservata għal timijiet dilettanti tar-reġjuni, Malta telgħet biex tilgħab kontra l-Latvja, r-Russja u l-Moldova. Il-logħbiet ta' dan il-grupp se jintlagħbu kemm f'Malta u kif ukoll f'Għawdex, wara li l-erba' pajjiżi qablu li l-logħob kollha jsiru f'pajjiżna, f'Ottubu li ġej. It-tim Malti se jkun kompost minn plejers li jilagħbu fil-Kampjonati domestiċi, f'Għawdex.**

Total ta' 37 tim se jieħdu sehem, li tmienja minnhom se jilagħbu f'round preliminari, bid-29 tim l-ieħor se jkunu mpoġġija f'tmien gruppi skond ir-riżultati tagħhom tal-passat. It-tim Malti se jkun fost dawn it-timijiet li se jibdew jikkompetu minn round intermedjarju.

F'Nyon, Malta kienet irrappreżentata minn Alvin Grech u Joe Bajada, President u Segretarju Ġenerali tal-Gozo Football Association, fejn attendew għat-tlugħ tal-poloz u l-laqgħa ta' informazzjoni dwar l-aspett ta' organizzazzjoni.

Waqt il-laqgħa li saret għall-parteċipanti kollha, is-sur Jim Boyce Chairman tal-Kumitat tal-Futbol għaż-Żgħażagħ u d-Dilettanti fi ħdan il-UEFA, tkellem bi stima lejn din il-kompetizzjoni u qal li r-Regions' Cup hija waħda mill-kompetizzjonijiet importanti fl-Ewropa u dan għaliex hija l-vetrina għall-aqwa talent ta' plejers dilettanti. Dan fil-kuntest li dawk il-plejers li, ġimgħa wara l-oħra, ma jkunux parti mill-kampjonati professjonali, ikollhom l-opportunità li jilagħbu f'kompetizzjoni Ewropeja li tista' twassalhom biex jilħqu dimensjonijiet ġodda fil-karriera kalċistika tagħhom.

UEFA REGIONS' CUP®

Fil-kompetizzjoni tar-Regions' Cup, ir-rebbieħa taż-żewġ gruppi preliminari u l-aħjar tim li jispiċċa fit-tieni post fost il-klassifiċi ġenerali, jikkwalifikaw għar-round intermedjarju. Sussegwentament it-timijiet li jispiċċaw fil-quċċata tat-tmien gruppi, fil-fażi tar-round intermedjarju, jikkwalifikaw għall-fażi finali tat-tournament.

Ir-rebbieħ tal-aħħar edizzjoni, li l-fażi finali tagħha ntlagħabet fl-2011, kien it-tim tad-dilettanti minn Braga, fil-Portugall.

FXDD EUROPE

FXDD is a proud sponsor of the Malta National Football Team. This high-paced team embodies the passion, heart, and spirit that define FXDD's core values. Watch them this season as they put top-competitors to the ultimate test!

While the Malta National Football Team practices to optimize its skill and precision, you can practice with FXDD's innovative Forex demo platform. With cutting-edge charting and real-time commentary from pioneering financial thinkers, you'll be able to navigate currency price trends like a professional. And for as little as $250, you can put that practice to use by trading alongside the smartest companies around the world in today's largest financial market.

FXDD is a leader in online Forex trading dedicated to providing superior customer service, powerful trading technology, and reliable streaming liquidity. FXDD provides services to individual and institutional traders, hedge funds, commercial entities, brokerage firms and money managers around the world. The Company's services currently provide competitive interbank pricing, no-interest accounts, and automated execution. FXDD provides 200:1 leverage in the EU.



Bjorn Vassallo għall-MFA u Ruben Zammit għall-PBS, jidhru jieħdu b'idejn xulxin, flimkien ma' Chris Bonett, Peter Cossai u Mark Attard

# Ftehim bejn l-MFA u l-PBS dwar xandiriet diretti ta' logħbiet tat-timijiet nazzjonali

**Matul ix-xahar ta' Frar kien iffirmat ftehim ġdid bejn il-Malta Football Association u l-Public Broadcasting Service (PBS) li jagħti d-dritt lill-PBS ixandar b'mod dirett il-logħbiet tat-timijiet nazzjonali, liema ftehim ikopri l-perijodu sa Ottubru 2013. Permezz ta' dan il-ftehim il-pubbliku sportiv se jingħata l-opportunità li jsegwi trasmissjonijiet diretti tal-logħbiet li fihom jilagħbu f'pajjiżna t-tim nazzjonali A u dak ta' Taħt il-21 sena.**

Id-dettalji dwar dan il-ftehim kienu żvelati waqt konferenza tal-aħbarijiet li matulha l-Kap Eżekuttiv tal-MFA, is-sur Bjorn Vassallo, fisser il ftehim li jinkludi l-logħbiet preliminari tat-Tazza tad-Dinja li se ssir fil-Brażil, fl-2014, il-logħbiet li fadal mill-Kampjonat tal-UEFA tal-Taħt il-21 sena u kif ukoll il-logħbiet ta' ħbiberija kollha ta' dawn iż-żewġ timijiet.

Is-sur Vassallo, qal li dan il-ftehim hu strumentali biex iressaq lit-timijiet nazzjonali lejn il-pubbliku bil-ħsieb li jkun hemm aktar passjoni mill-pubbliku lejn dawn it-timijiet.

Skond il-Kap Eżekuttiv, dan il-ftehim għandu jagħti opportunità biex aktar Maltin jaraw mill-qrib it-timijiet nazzjonali ta' pajjiżhom, bil-għan li l-iskwadri nazzjonali jkollhom sostenn akbar u aktar mill-viċin.

Is-sur Vassallo rrefera wkoll għal ftehim ta' sponsorship attraenti ffirmat mal-kumpanija Amerikana, FXDD, u saħaq li dan għandu joffri prospetti ġodda għall-plejers tat-tim nazzjonali u l-partitarji Maltin.

Il-Kap Eżekuttiv tenna wkoll li, fil-ġimgħat li ġejjien, l-MFA se tħabbar aktar sponsors uffiċjali għat-timijiet nazzjonali ma' kumpaniji lokali. Dawn se jgħinu biex l-Assoċjazzjoni tkompli tgħin b'aktar inizjattivi għall-benefiċċju tat-timijiet nazzjonali u l-pubbliku sportiv.

Finalment, is-sur Vassallo irringrazzja lis-sur Rueben Zammit, Programme Manager tal-PBS, u kif ukoll lill-Koordinatur tat-Taqsima Sport tal-PBS is-sur Peter Cossai, fis-sehem tagħhom biex seta' jintlaħaq il-ftehim li permezz tiegħu l-istazzjon nazzjonali u l-istazzjon tar-radju, Radju Malta, se jkunu minn ta' quddiem biex iwasslu




l-prodott tal-futbol lill-poplu Malti.

Il-Programme Manager tal-PBS, is-Sur Zammit, qal li l-isport hu priorità għall-istazzjon u għalhekk qegħdin jinvestu bis-sħiħ fi programmi tal-isport. Huwa żvela li l-isport se jkun parti integrali mill-programmi tal-istazzjon il-ġdid, TVM 2.

Il-Kap tad-Dipartiment Legali tal-MFA, l-Avukat Chris Bonett, ta dettalji tekniċi dwar il-kuntratt li jagħti drittijiet esklussivi lill-PBS u spjega kif sar il-proċess tal-appalt.

Il-laqgħa għalqet bl-intervent tas-sur Cossai li qal li, TVM u TVM 2, apparti l-logħbiet tat-timijiet nazzjonali se jxandru wkoll logħbiet mill-fażi finali tal-Kampjonat Euro 2012, logħbiet mill-UEFA Champions League u mill-UEFA Europa League u kif ukoll xandiriet dwar l-Olimpjadi li se jsiru matul din is-sena f'Londra.



Il-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, jidher qiegħed jagħmel id-diskors tiegħu

# L-MFA tfisser lill-klabbs lokali r-regoli l-ġodda tal-Financial Fair Play

Fl-aħħar Sibt tax-xahar ta' Frar, l-MFA organizzat laqgħa informattiva għall-uffiċjali tal-klabbs mill-Kampjonat BOV Premier u mill-Kampjonat BOV tal-Ewwel Diviżjoni, laqgħa bis-suġġett speċifiku jkun dak tal-finanzi u l-liċenzjar tal-klabbs. Il-laqgħa, bl-isem ta' ***Finanacial Fair Play and Club Licensing Forum***, saret fil-lukanda Grand Hotel Excelsior fil-Floriana u matulha l-uffiċjali għolja tal-klabbs kienu ppreżentati b'sett ta' regolamenti ġodda li l-UEFA se tintroduċi għall-klabbs Ewropej u kif ukoll b'sett ieħor ta' linji gwida li l-MFA se tressaq quddiem il-Kunsill tagħha għall-approvazzjoni fi żmien qasir.



Dehra tas-sala fejn saret il-konferenza mal-klabbs

Id-djalogu żvolġa f'wieħed ferm interessanti, fejn kienu diversi l-kelliema li taw tagħrif importanti lil dawk preżenti, fosthom il-Kap Eżekuttiv tal-MFA Bjorn Vassallo, li għamel introduzzjoni dwar l-għanijiet prinċipali li għalihom ġew introdotti dawn ir-regolamenti. Waqt din il-preżentazzjoni intwerew *videos* qosra fejn il-president tal-UEFA, Michel Platini u s-Segretarju Ġenerali tal-istess assoċjazzjoni, dehru jitkellmu dwar il-kunċett tal-FFP u dwar il-proċess li għandu jwassal biex il-finanzi tal-klabbs jistabilizzaw b'mod immedjat.

Il-Kumitat Eżekuttiv tal-UEFA ftit tax-xhur ilu kien unanimament approva l-kunċett tal-*Financial Fair Play*, fejn il-klabbs ma jistgħux jonfqu flus aktar milli jdaħħlu. Fil-realtà dan il-kunċett hekk imsejjaħ *Break-Even* mhux se jkun impost fuq il-klabbs Maltin għaliex dawn ma jiġġenerawx aktar minn €5 miljun fi staġun, iżda xorta waħda l-klabbs lokali se jkollhom diversi obbligi li jridu jirrispettaw biex jieħdu kemm liċenzja tal-UEFA, fil-każ ta' dawk il-klabbs li jipparteċipaw fil kompetizzjonijiet Ewropej u kif ukoll biex jieħdu l-liċenzja domestika. Ir-regolamenti tal-Financial Fair Play ġew ukoll approvati mill-Kunsill tal-Ewropa u l-ECA (European Clubs Association). L-objettivi prinċipali wara dawn ir-regolamenti huma:

- Biex tkun introdotta aktar dixxiplina u kontabbilità fit-tmexxija finanzjarja tal-klabbs
- Biex titnaqqas il-pressjoni fuq is-salarji u l-ħlas tat-trasferimenti, li eventwalment tnaqqas l-inflazzjoni fil-futbol
- Biex tinkoraġġixxi lill-klabbs jikkompetu fil-parametri tad-dħul tagħhom
- Biex tinkoraġġixxi l-investiment fuq perjodu twil fis-settur taż-żgħażagħ u fl-infrastruttura sportiva
- Biex tipproteġi li l-klabbs Ewropej jkunu vijabbli fuq perijodu twil
- Biex tiżgura li klabbs iħallsu id-dejn kurrenti u jsiru sostenibbli finanzjarjament

Dan kollu qiegħed jiġi implimentat għaliex matul l-aħħar staġuni numru sostanzjali ta' klabbs irrapportaw finanzi fl-"aħmar" u għalhekk l-awdituri wissew li jekk is-sitwazzjoni ma tinbidilx, bosta klabbs famużi u ta' glorja kienu se jispiċċaw f'xifer il-falliment u għalhekk ma jibqgħux jeżistu.

Il-UEFA trid li l-plejers u l-impjegati tal-klabbs ma jesperjenzawx dewmien biex jitħallsu s-salarji u jkollhom it-taxxa u l-bolla tas-sigurtà mħallsa fi żmien stipulat. Biex dan iseħħ, il-pagi tal-plejers, li jammontaw għall-akbar nefqa tal-klabbs, iridu jkunu mnaqqsa b'mod immedjat u kif ukoll it-trasferimenti għandhom ikunu kkontrollati skond il-progress finanzjarju li jagħmel klabb minn suq ta' trasferimenti għal ieħor.

B'hekk wara konsultazzjoni mal-familja kollha tal-futbol, daħlu fis-seħħ bosta miżuri sensittivi biex jiżguraw sostenibbilità finanzjarja.

Il-klabbs il-kbar se jkunu saħansitra mitluba biex jipprovdu *budgets* dettaljati u pjan dwar l-operat tagħhom.

Fil-Forum organizzat mill-MFA, kien spejgat lill-klabbs li l-UEFA waqqfet il-Club Financial Control Panel biex tara li l-klabbs jimxu mar-regoli tal-*Financial Fair Play* tal-UEFA approvati f'Mejju, tal-2010. Dawn il-miżuri se jkunu implimentati fuq perjodu ta' tliet snin biex jilħqu jsiru l-verifiki meħtieġa u biex il-monitoraġġ, li beda fl-2011, iwassal lill-klabbs jagħmlu r-reviżjonijiet neċessarji, sas-sena 2014. L-MFA, fix-xhur li għaddew ħadmet bis-sħiħ biex fuq l-istess prinċipju toħloq sett ta' regolamenti li għandhom ikunu validi biex isaħħu l-finanzi tal-klabbs u biex eventwalment ma jkunx hemm problemi fl-għoti tal-liċenzji għall-Kampjonati domestiċi. Dawn il-linji gwida kienu ppreżentati minn Deo Scerri u Mario Gauci, il-persuni responsabbli mill-liċenzjar tal-MFA u mill-Avukat Chris Bonett, il-Kap tad-Dipartiment legali tal-MFA.

Il-forum għalaq b'intervent tal-president, Norman Darmanin Demajo, li saħaq fuq l-importanza li kull klabb lokali jieħu r-responsabbiltà biex jappoġġa l-emendi li jridu jsiru biex jidħlu fis-seħħ ir-regolamenti rispettivi u biex isostni l-implimentazzjoni tagħhom. Darmanin Demajo fakkar li huwa obbligu tal-klabbs li jaraw li jittieħdu l-aħjar deċiżjonijiet għall-ġid tal-futbol f'Malta u Għawdex.



Adrian Casha, Direttur tar-Referees tal-MFA, flimkien ma' Clayton Pisani u Alan Mario Sant

# Referees Maltin jattendu seminar għal Elite referees fil-Bulgarija

**Ftit tal-ġimgħat ilu żewġ, ir-referees internazzjonali, Clayton Pisani u Alan Mario Sant, attendew seminar li għalih kienu mistiedna Elite referees Bulgari li sar, fi Sliven, fil-Bulgarija.**

Dan is-seminar li jsir fix-xitwa huwa organizzat mill-Unjoni tal-Futbol tal-Bulgarija u għalih jattendu referees u osservaturi tar-referees professjonali.

Adrian Casha, id-Direttur tar-Refereeing tal-MFA, kien fost il-mistiedna barranin li tkellmu f'dan is-seminar. Il-*lecturer* l-ieħor kien is-sur David Elleray, membru tal-Kumitat tar-Referees tal-UEFA u li ftit tax-xhur ilu kien f'Malta biex janalizza x-xogħol li qiegħed isir fid-dipartiment tar-Referees fi ħdan l-MFA.

Fost is-suġġetti diskussi fis-seminar, kien hemm il-kuntatt fiżiku jew aggressjoni verbali li jista' jkollu uffiċjal tal-logħba waqt id-disgħin minuta u x'azzjoni trid tittieħed mill-istess uffiċjal meta jsib ruħu mdawwar minn bosta plejers. Kienu diskussi wkoll eżempji differenti dwar l-interpretazzjoni tal-regola tal-offside u l-komunikazzjoni bejn it-tim tal-uffiċjali fl-użu tas-sistema tal-komunikazzjoni permezz tar-radju. Aspett ieħor li l-parteċipanti tkellmu dwaru waqt is-seminar kien dak psikoloġiku fejn ingħataw preżentazzjoni dwar il-konċentrazzjoni u l-konsistenza li jrid ikollu uffiċjal meta jittieħdu d-deċiżjonijiet waqt il-kors tal-logħba.

Is-seminar kien ukoll jinkludi *fitness test*, fejn kull uffiċjal li pparteċipa għamel il-FIFA Fitness Test, eżami bbażat l-aktar fuq l-aspett fiżiku u parti atletika tal-uffiċjali.

Dawn it-tip ta' esperjenzi jkomplu jgħinu biex jogħla l-livell tal-uffiċjali Maltin – b'hekk huwa l-għan tal-MFA li tkompli tinvesti f'dan is-sens u tħeġġeġ dejjem aktar parteċipazzjoni internazzjonali li finalment twassal għal konfrontazzjoni mportanti bejn uffiċjali minn realtajiet u kulturi kalċistiċi differenti.







Patrick Aquilina f'isem l-APS jidher qiegħed jippreżenta l-unur Play Fair

# L-MFA tqassam il-fondi lin-nurseries tal-futbol u l-YFA tniedi l-unur Play Fair

Hekk kif isir kull sena f'dan il-perjodu, l-MFA qassmet is-*Solidarity Payments* li tirċievi mill-UEFA u li jaslu grazzi għas-suċċess u d-dħul annwali li tiġġenera mill-kompetizzjoni taċ-Champions League.

F'diskors tal-okkażjoni, li sar mill-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, intqal li l-għan prinċipali li għalihom jitqassmu dawn il-fondi hu dak tal-investiment fil-*grassroots*. Il-president tal-MFA tenna li l-Assoċjazzjoni tinsab fuq quddiem f'dan is-sens, tant, li matul dawn l-aħħar snin żviluppat ħafna faċilitajiet sportivi biex jitgawdew mit-tfal Maltin u Għawdxin. Matul l-istess attività tkellem ukoll Fr. Hilary Tagliaferro, president tal-YFA, fejn ħeġġeġ lil dawk preżenti involuti f'dan is-settur tal-*grassroots* biex dejjem ikunu ta' eżempju għaż-żgħar u sostna li trid tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-isport permezz tal-edukazzjoni. Huwa fakkar lill-amministraturi preżenti li jridu dejjem inisslu fit-tfal il-valuri u l-prinċipji li jsawru l-fundamenti tal-logħba tal-futbol.

Fr. Hilary, qal li s-suċċess ma jitkejjilx mill-ammont ta' trofej li jintrebħu, izda mill-edukazzjoni li tingħata lit-tfal biex dawn jitilgħu jħobbu l-logħba tal-futbol u biex jibnu karattru sod. Finalment, Fr. Hilary irringrazzja lill-MFA u l-APS Bank li bl-għajnuna tagħhom qegħdin jgħinu bis-sħiħ biex jgħollu l-livell tal-logħba fost iż-żgħażagħ.

Patrick Aquilina, Marketing Manager tal-APS Bank, ħabbar li kien se jkun iffirmat *sponsorship* ieħor għat-tliet snin li ġejjin bejn il-YFA u l-Bank. Is-Sur Aquilina ħabbar ukoll li minn dan l-istaġun u b'kollaborazzjoni mal-YFA, l-APS niedet il-*Play Fair Badge* li se tingħata lit-timijiet bl-aħjar rekord ta' *fair play* fil-Kampjonati tal-Under 15 u tal-Under 17, organizzati mill-YFA.

Minbarra l-badge li se tintlibes fuq il-flokk tat-timijiet rebbieħa matul l-istaġun suċċessiv għar-rebħ ta' dan l-unur, il-Bank se jiftaħ kont f'isem il-klabb rebbieħ tal-*Play Fair Award* u fih se tkun iddepożitata somma flus mogħtija mill-istess APS, il-YFA u l-MFA.

Il-messaġġ wara din l-inizjattiva huwa dak tar-RISPETT, fejn kull atleta u uffiċjal qegħdin ikunu mħeġġin biex waqt l-attività sportiva jipprattikaw ir-rispett fil-konfront ta' sħabhom, tal-avversarji u kif ukoll lejn l-uffiċjali tal-logħba.



# Strutturi ġodda għall-Iskola tal-Għawm f'Ta Qali

**Fi sforzi kontinwi biex tippromwovi l-edukazzjoni u l-prattika tal-għawm, l-amministrazzjoni tal-pixxina tal-MFA nediet eżerċizzju ta' ristrutturar li jkopri l-lezzjonijiet tal-għawm.**

Il-gruppi tal-għawm jikkorispondu mal-abbilitajiet tat-tfal u għaldaqstant kull tifel u tifla għandhom iċ-ċans li jipprattikaw l-għawm skond il-livell personali. Intant bosta attivitajiet oħra tal-għawm kienu ntrodotti biex issa l-għażla ta' prodotti għall-pubbliku b'mod individwali u għall-gruppi żdiedet sew.

Flimkien ma' l-erba' livelli bażiċi, magħrufa bl-ismijiet ta' Guppies, Sea Turtles, Sea Otters u Orca, li ilhom jiffunzjonaw għal dawn l-aħħar sentejn, tnejn oħra bl-ismijiet ta' Manta Rays u Seals, se jkunu ntrodotti u mfassla skont l-abbilitajiet differenti tat-tfal li qed jieħdu sehem.

Il-lezzjonijiet huma ppreparati għal tfal bejn it-3 snin u l-15-il sena u jinkludu wkoll lezzjonijiet bħala preparazzjoni għas-Sec "O" Level.

Il-format il-ġdid jagħti aktar opportunitajiet lil dawk it-tfal li jieħdu aktar żmien minn livell ta' eċċellenza għal ieħor.

L-atmosfera tal-pixxina, ir-relazzjoni bejn it-tfal u l-għalliema u l-iżvilupp tal-lezzjonijiet, qegħdin iwasslu biex ir-riżultati jitjiebu, fejn it-tagħlim u l-istil ta' kif dan jasal għall-istudenti hu msawwar mal-gost u l-atmosfera ta' ħbiberija. Dan il-fatt huwa evidenti mir-reazzjoni pożittiva li jwasslu l-ġenituri li jieħdu lil uliedhom sabiex jitħarrġu fi ħdan l-iskola tal-għawm tal-MFA.

Il-korsijiet il-ġodda mistennija jibdew, nhar it-13 u l-14 ta' April li ġej, u l-applikazzjonijiet diġà ħarġu. Il-Kap Eżekuttiv tal-MFA, is-sur Bjorn Vassallo, waqt żjara li għamel fil-pixxina saħaq li dan huwa pass ieħor fost il-ħafna sforzi li qiegħda tagħmel l-MFA biex itejjeb is-servizzi li toffri fl-isferi kollha.




# Tanya Gravina tattendi b'suċċess kors dwar il-governanza fl-isport

**Tanya Gravina, għadha kemm ikkonkludiet, b'suċċess, kors ta' 18-il xahar dwar il-governanza fl-isport. Is-sinjorina Gravina tokkupa l-kariga ta' Segretarju tal-Kumitat tal-proġetti tal-MFA għal titjib fil-faċilitajiet sportivi tal-klabbs membri u kif ukoll taħdem fid-dipartiment internazzjonali bħala ko-ordinatur ta' diversi attivitajiet.**

Hija kienet waħda minn 19-il kandidat minn diversi pajjiżi li rċevew l-Executive Master fil-European Sport Governance (MESGO) f'ċerimonja li saret fid-Dar tal-Futbol Ewropew, f'Nyon, fl-Isvizzera.

Dan kien kors inawgurali fi programm bl-appoġġ tal-UEFA kien jiffoka fuq il-governanza sportiva fid-dinja tal-lum. Il-kors kien stabbilit min-numru ta' akkademji tal-isport ibbażati f'diversi universitajiet u istituzzjonijiet prestiġjużi minn bosta pajjiżi Ewropej.

Minbarra l-UEFA, federazzjonijiet oħra li sostnew lil dan il-kors kienu jinkludu dawk tal-Handball, tal-Basketball, tar-Rugby u tal-Volleyball. Fi żmien qrib, din l-inizjattiva mistennija tidħol fit-tieni edizzjoni tagħha, biex aktar persuni minn madwar l-Ewropa jkomplu jikbru fl-għarfien u fl-edukazzjoni dwar kif għandu jitmexxa l-isport mil-lat ta' amministrazzjoni.

Dan is-suċċess għandu jgħin, lis-Sinjorina Gravina, fix-xogħol tagħha mal-MFA u għandu jkompli jsaħħaħ ir-riżorsi li għandha l-assoċjazzjoni Maltija tal-futbol.



FOOD FOR THOUGHT

The smartest companies and banks trade in the largest market in the world. With as little as $250, you can too.

FXDD

Your Money, Empowered.

GLOBAL.FXDD.COM

K2, 1st Floor, Forni Complex, Valletta Waterfront, Floriana FRN 1913, Malta

HIGH RISK WARNING: Foreign exchange trading carries a high level of risk that may not be suitable for all investors. Leverage creates additional risk and loss exposure. Before you decide to trade foreign exchange, carefully consider your investment objectives, experience level, and risk tolerance. You could lose some or all of your initial investment; do not invest money that you cannot afford to lose. Educate yourself on the risks associated with foreign exchange trading, and seek advice from an independent financial or tax advisor if you have any questions.

Licensing statement FXDD Europe: FXDD Malta Limited is licensed to provide investment services by the Malta Financial Services Authority. Registered office: K2, 1st Floor, Forni Complex, Valletta Waterfront, Floriana FRN 1913, Malta.

ADVISORY WARNING: FXDD provides references and links to selected blogs and other sources of economic and market information as an educational service to its clients and prospects and does not endorse the opinions or recommendations of the blogs or other sources of information. Clients and prospects are advised to carefully consider the opinions and analysis offered in the blogs or other information sources in the context of the client or prospect's individual analysis and decision making. None of the blogs or other sources of information is to be considered as constituting a track record. Past performance is no guarantee of future results and FXDD specifically advises clients and prospects to carefully review all claims and representations made by advisors, bloggers, money managers and system vendors before investing any funds or opening an account with any Forex dealer. Any news, opinions, research, data, or other information contained within this website is provided as general market commentary and does not constitute investment or trading advice. FXDD expressly disclaims any liability for any lost principal or profits without limitation.


Il-formazzjoni inizjali ta' Malta

# Doppjetta ta' Michael Mifsud iddawwar telfa f'rebħa

It-tim nazzjonali Malti beda s-sena 2012 fuq nota pożittiva wara li, f'partita ta' ħbiberija, għeleb lil Liechtenstein bl-iskor ta' 2-1.

L-attakant Michael Mifsud reġa' kien l-eroj b'doppjetta li permezz tagħha tella' l-ammont personali ta' gowls bil-flokk nazzjonali għal 32 minn 88 partita.

Iż-żewġ naħat kienu qed jiltaqgħu kważi erba' snin wara li t-tim nazzjonali Malti kiseb l-akbar rebħa fl-istorja meta kien għeleb lill-istess Liechtenstein bl-iskor ta' 7-1, b'ħamsa mill-gowls dakinhar waslu wkoll mill-istess, Michael Mifsud.

L-aħjar azzjonijiet u l-gowls ta' din il-partita waslu kollha fit-tieni taqsima meta d-doppjetta ta' Michael Mifsud dawret telfa f'rebħa.

Id-direttur tekniku tal-MFA, Robert Gatt, kien qed imexxi b'mod temporanju lit-tim nazzjonali għal din il-partita hekk kif l-Assoċjazzjoni Maltija ħabbret (ftit ġranet wara din il-partita) li t-tim se jkun fdat lit-Taljan, Pietro Ghedin.

Gatt, ta wkoll id-debutt lill-gowlkiper ta' Sliema Wanderers, Henry Tabone, lill-midfielder ta' Hibernians, Bjorn Kristensen kif ukoll lill-midfielder ta' Valletta, Edmond Agius.

Dan minbarra wkoll li rritorna d-difensur Luke Dimech (li bħalissa qed jilgħab fil-Kampjonat Ċiprijott ma' AEK Larnaca) wara li kienu ilu nieqes minn Ġunju, 2009.

Kienu Liechtenstein li fetħu l-iskor, wara tliet minuti mill-ftuħ tat-tieni taqsima, meta Martin Buchel għeleb lis-sostitut gowlkiper, Justin Haber, b'xutt mal-ewwel lasta.

Iżda dan kien vantaġġ li l-avversarji damu jgawduh biss sitt minuti għaliex, fl-54 minuta, il-Maltin ġabu d-draw bi ġmiel ta' xutt minn barra l-kaxxa ta' Michael Mifsud wara li rċieva mingħand Dimech.

Fl-64 minuta, wasal il-gowl tar-rebħa meta Andrè Schembri xeħet kross minn fuq il-lemin, bil-ballun jasal għand Michael Mifsud li dar mal-gowlkiper avversarju u f'lasti vojta ma falliex.

L-istess attakkant Malti kellu fejn jgħaqqad il-hat-trick personali f'iktar minn okkażjoni waħda - l-ewwel, fil-71 minuta, iżda xxuttja ftit barra biex fil-ħin miżjud, bil-gowlkiper avversarju, Peter Jehle, maqbud barra minn postu, reġa' naqas milli jsib ix-xibka b'tentattiv minn kważi nofs il-grawnd.



Clayton Failla (Malta) jikklerja l-periklu minn fuq minn Nicolas Hasler (Liechtenstein)

## Partita ta' Ħbiberija

**29.02.2012 - 19.30 hrs**

| | | |
|---|---|---|
| **Malta** | M. Mifsud 54, 64 | **2** |
| **Liechtenstein** | M. Buchel 48 | **1** |

HT 0-0 **National Stadium**

**Malta** – Henry Bonello (Justin Haber 46), Jonathan Caruana, Steve Borg (Luke Dimech 46), Andrei Agius (Gareth Sciberras 84), Daniel Bogdanovic, Roderick Briffa (Alex Muscat 72), Michael Mifsud, Andrew Cohen, Clayton Failla, Andre Schembri (Shaun Bajada 76), Bjorn Kristensen (Edmond Agius 46)

*Coach* – Robert Gatt

**Liechtenstein** – Peter Jehle, Yves Dehri (Fabian Eberle 88), Michael Stocklasa (Daniel Kartmann 22), Martin Stocklasa, Martin Rechsteiner (Ivan Quintans 84), Martin Buchel (Matthias Christen 73), Mario Frick, Franz Burchmeier, Nicolas Hasler, Sandro Wieser, Michele Polverino

*Coach* – Hans-Peter Zaugg

Referee – Mark Whitby (Wales)

Assistenti – Mark Dyson, Kim Fisher (Wales)

Raba' Uff. – Marco Borg (Malta)

Ammoniti – A. Agius, D. Bogdanovic (M), P. Jehle, S. Wieser (L)



Attakk Malti fuq il-lasti ta' Liechtenstein



Il-formazzjoni inizjali ta' Liechtenstein



Daniel Bogdanovic (Malta) jindirizza ballun bir-ras fuq il-lasti ta' Liechtenstein



Clayton Failla (Malta) attakkat minn Nicolas Hasler (Liechtenstein)



Martin Buchel (Liechtenstein) segwit minn Andrè Schembri (Malta)



Istvan Kovacs (Ungerija) jipprova jgħaddi minn bejn Luca Martinelli u Rowen Muscat (Malta)

# Telfa wara vantaġġ kmieni

F'logħba ta' ħbiberija, it-tim Malti ta' Taħt il-21 sena sofra telfa ta' 3-1 kontra l-Ungerija, fil-Hibernians Stadium, fejn għalkemm il-Maltin kisbu vantaġġ kmieni, il-wirja tagħhom kienet kemmxejn diżappuntanti, speċjalment f'dawk li huma azzjonijiet offensivi.



Il-formazzjoni inizjali tat-tim Malti

Il-Maltin ma setgħux kellhom bidu aħjar meta wara biss żewġ minuti, fetħu l-iskor. Minn kross mix-xellug ta' Steve Pisani, id-difensuri Ungeriżi naqsu li jikklerjaw il-ballun li spiċċa f'saqajn Yessous Camilleri li b'xutt mill-ewwel sab ix-xibka.

Iżda wara dan il-gowl, b'mod gradwali, l-Ungeriżi rebħu l-inizjattiva biex eventwalment, fit-28 minuta, għamlu l-iskor 1-1 meta kross mil-lemin ta' Adam Bodi sab lil Marko Futacs kompletament żmarkat f'nofs il-kaxxa, bl-attakkant Ungeriż jikkontrolla l-ballun b'sidru u b'xutt mill-ewwel għeleb lil Steve Sultana.

Fil-35 minuta, l-Ungerija dawru r-riżultat. *Through-ball* perfett ta' Bodi qabad fuq sieq waħda lid-difiża Maltija fejn il-ballun spiċċa f'saqajn Istvan Kovacs li b'mod intelliġenti kompla lejn Marko Futacs li minn tarf il-kaxxa ż-żgħira xeħet ġewwa.

Wara l-mistrieħ, l-Ungeriżi naqqsu mir-ritmu fejn dehru aktar komdi li jżommu l-pussess tal-ballun milli li joħolqu xi azzjoni denja ta' nota, filwaqt li l-Maltin xejn ma kienu inċiżivi.

Fid-79 minuta, l-Ungeriżi kellhom ċans tad-deheb li jkabbru l-vantaġġ meta s-sostitut Patrik Tischler sab ruħu żmarkat quddiem Adrian Parnis iżda dan tal-aħħar għalaq l-anglu ferm tajjeb u rnexxielu jsalva f'korner ix-xutt tal-attakkant Ungeriż.

Fit-84 minuta, l-Ungerija għamluhom 3-1 meta azzjoni bejn żewġ sostituti ntemmet b'Patrik Tischler isib ix-xibka b'xutt mill-viċin.

**Partita ta' Ħbiberija**

**29.02.2012 - 15.00 hrs**

| | |
|---|---|
| **Malta** | **1** |
| Y. Camilleri 2 | |
| **Ungerija** | **3** |
| M. Futacs 28, 36, B. Lazar 84 | |

HT 1-2 **Hibernians Stadium**

**Malta** – Steve Sultana (Adrian Parnis 62), Luca Martinelli, Zach Muscat, Rowen Muscat (Miguel Ciantar 46), Jean Paul Farrugia, Darren Falzon (Jonathan Bajada 46), Yessous Camilleri, Clyde Borg (Sheldon Grech 65), Matthew Gauci (Ishmael Grech 80), Tristan Caruana (Ryan Scicluna 52), Steve Pisani (Terence Vella 46)

*Coach* – Ray Farrugia

**Ungerija** – Peter Gulacsi (Balasz Megyeri 46), David Kalnoki-kis, Robert Litauszki (Ferenc Fodor 90), Gabor Yannaki, Adam Bodi (Benyamin Balazs 62), Istvan Kovacs (Bence Lazar 75), Marko Futacs (Patrik Tischler 46), Andras Gosztonyi (Gergo Beliczky 15), Adam Simon, Attila Fiola, Bence Iszlai (Patrik Nagy 46)

*Coach* – Antal Roth

Referee – Alan Mario Sant

Assistenti – Edward Spiteri, Mitchell Scerri

Raba' Uff. – Kevin Azzopardi

Ammoniti – T. Vella, M. Ciantar (M) B. Iszlai, A, Simon (U)



Il-formazzjoni inizjali tat-tim Ungeriż



Clyde Borg (Malta) isegwi lil Istvan Kovacs (Ungerija)

Alandson Da Silva (Floriana) segwit minn Jonathan Pearson (Hibernians)



# Il-holders FLORIANA eliminati

**Meta ntlagħbu l-kwarti-finali tal-U*Bet FA Trophy, l-attenzjoni prinċipali kienet immirata lejn il-konfront bejn il-holders Floriana u Hibernians fejn dawn tal-aħħar irreġistraw rebħa ta' 1-0 lejn tmiem il-partita bil-gowl jiġi skorjat minn Clayton Failla permezz ta' penalti.**

Kien gowl li l-eventwalità tiegħu qajmet kontroversja kbira fejn Floriana talbu lill-MFA biex ir-referi, Marco Borg, ma jibqax jikkontrolla logħbiet li fihom ikunu nvoluti huma. Iżda din it-talba ma ġietx milqugħa fejn it-tweġiba tal-Assoċjazzjoni kienet li Marco Borg huwa referi integru u li għandha fiduċja netta fl abbiltajiet tiegħu.

It-tliet timijiet l-oħra li kkwalifikaw għas-semi-finali huma Valletta, Hamrun Spartans u Qormi.

Mingħajr wisq tbatija Valletta għelbu lil Mosta bl-iskor ta' 3-1 fejn, fil-ġurnata stess li ppreżentaw lill-akkwist il-ġdid - l-attakkant mil-Latvja, Aleksandrs Cekulajevs, skorja doppjetta.

Iż-żewġ timijiet mill-Kampjonat Premier, Hamrun Spartans u Qormi, għelbu lil dawk mill-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni, St. George's u Pietà Hotspurs, rispettivament.

Filwaqt li l-Ispartans ħarġu rebbieħa bl-iskor komdu ta' 3-1, il-Qriema kellhom jitħabtu biex setgħu jikkwalifikaw għas-semi-finali meta kellhom jistennew sal aħħar minuta tal-ħin barrani biex rebħu dan il-konfont, b'gowl ta' Caio Garcia Suguino.

Iżda matul dan ix-xahar, l-istess Suguino ntemmlu l-kuntratt mill-Qriema minħabba li nstab li matul dan l-istaġun mar kontra r-regoli tal-FIFA meta ffirma u lagħab ma' tliet klabbs differenti - FC Milsami-Ursidos Orhei (Moldova), Tarxien Rainbows u l-istess Qormi.

Ir-regoli tal-FIFA jistipulaw li plejer jista' jiffirma ma' tliet klabbs fi staġun wieħed iżda jista' jilgħab ma' tnejn biss.


Taqtiegħa għall-ballun bejn Cleaven Cassar (Pietà H.) u Jorge Pereira Da Silva (Qormi)

## Kwarti-Finali

25.02.2012 - 16.00 hrs

**Hibernians** 1
C. Failla 86 pen
**Floriana** 0

HT 0-0 **National Stadium**

**Hibernians** – Mario Muscat, Edward Herrera, Aaron Xuereb, Rodolfo Soares, Jonathan Pearson, Clayton Failla, Andrew Cohen, Jackson Lima, Marcelo Dias (Jason Vandelannoite 72), Bjorn Kristensen, Edison dos Santos
*Coach* – Mark Miller
**Floriana** – Patrick Jansen, Christian Cassar (Tho-mas Paris 20), Alandson Da Silva (Andre Grabowski 86), Joseph Borg (Ryan Darmanin 74), Duncan Pisani, Ivan Woods, Christian Caruana, Mano Micallef, Pablo Doffo, Owen Bugeja, Eric Akoto
*Coach* – Michael Woods
Referee – Marco Borg
Assistenti – Ingmar Spiteri, Thomas Debono
Raba' Uff. – Adrian Azzopardi
Ammoniti – C. Caruana, E. Akoto, M. Micallef, I. Woods (F), M. Dias, B. Kristensen (H


Gianluca Calabretta (Hamrun S.) jiddefendi l-ballun minn Emerson Amaira (St. George's)


Michael Mifsud (Valletta) jindirizza ballun bir-ras lejn il-lasti ta' Mosta

## Kwarti-Finali

26.02.2012 - 14.00 hrs

**Hamrun Spartans** 3
R. Hartvig 19, A.M. Ribeiro 41, R. Spiteri 90
**St. George's** 1
A. Bonello 73

HT 2-0 **Hibernians Stadium**

**Hamrun S.** – Omar Borg, Gianluca Calabretta, Matthew Gauci, Ronnie Hartvig, Massimo Grima, Rupert Mangion, Lee James Agius (David Camilleri 85), Gaetan Spiteri, Dene Shields, Kevin Sammut (Ryan Spiteri 46), Anderson Mendes Ribeiro (Glen Azzopardi 88)
*Coach* – Stefan Sultana
**St. George's** – Ryan Marmara, Heathcliff Schembri (Anthony Bonello 69), Jonathan L. Ruiz (Klinsman Grech 10), Daniel Zahra, Reda Boutahir, Leonardo Rocha Dos Santos, Emerson Amaira, Gary Inguanez, Dylan Zarb, Emanuel Sevasta, Alan Abela
*Coach* – Ramon Zammit
Referee – Mario Apap
Assistenti – Mariano Debono, Paul Apap
Raba' Uff. – Chris Lautier
Ammoniti – M. Gauci, D. Shields (Ħ), E. Sevasta (SG)

## Kwarti-Finali

25.02.2012 - 14.00 hrs

**Pietà Hotspurs** 0
**Qormi** 1
C. Suguino 120
(wara l-ħin barrani)

HT 0-0 **National Stadium**

**Pietà H.** – Miguel Montfort, Clive Spiteri, Bernard Sciberras, Terence Agius (Karl Cutajar 85), Zach Muscat (Cain Attard 90), Larson Mallia, Cleaven Cassar, Jonathan Zarate, Jurgen Pisani, Ismael Grech, Adrian Farrugia (Jonathan Holland 77) - Edmond Lufi
*Coach* – Edmond Lufi
**Qormi** – Matthew Farrugia, Matthew Bartolo (Stephen Wellman 64) Joseph Chetcuti (Kenneth Scicluna 98), Joseph Farrugia, Luke Sciberras, Federico Mirarchi (Caio Suguino 64), Jonathan Bondin, Jorge Pereira, Kris Thackray, Triston Caruana, Vincent Adioumani
*Coach* – Stephen Azzopardi
Referee – Chris Lautier
Assistenti – William Debattista, Chris Francalanza
Raba' Uff. – Trustan Farrugia Cann
Ammoniti – K. Thackray, C. Suguino (Q), C. Cassar (PH)

## Kwarti-Finali

26.02.2012 - 16.00 hrs

**Valletta** 3
A. Cekulajevs 3, 74, M. Mifsud 26 pen
**Mosta** 1
O. Obiefule 42

HT 2-1 **Hibernians Stadium**

**Valletta** – Andrew Hogg, Jonathan Caruana, Steve Borg, Saidou Mady Panandetiguiri, Aleksandrs Cekulajevs, Ian Azzopardi, Roderick Briffa (Roderick Bajada 88), Edmond Agius (Gilbert Agius 85), Oussain Zongo (William Barbosa 78), Denni Rocha Dos Santos, Michael Mifsud
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Mosta** – Glenn Zammit, Adrian Borg, Kane Farrugia, Luca Martinelli, Florent Raimy, Jonathan Bajada (Gilbert Martin 71), Kurt Magro, Predrag Mirceta (Sheldon Grech 82), Ian Zammit, Zakaria Kibona (Terence Vella 46), Obinna Obiefule
*Coach* – Steve D'Amato
Referee – Alan Mario Sant
Assistenti – Joe Camilleri, Mitchell Scerri
Raba' Uff. – Malcolm Spiteri
Ammoniti – S. Borg, S. Panandetiguiri (V), G. Zammit, L. Martinelli, J. Bajada (M)




Edmond Agius ta' Valletta jixħet kross insidjuż fil-partita kontra Floriana

# VALLETTA jillidjaw fiċ-Championship Pool




## - Taqtiegħa nteressanti fir-Relegation Pool

Valletta qed jillidjaw iċ-Championship Pool tal-Kampjonat Premier bi tliet punti fuq l-eqreb rivali, Hibernians, wara li huma rebħu l-aħħar konfront kontra Sliema Wanderers bl-iskor ta' 2-0 filwaqt li l-Pawlisti sfaw megħluba bl-iskor ta' 1-0 minn Birkirkara.

Kien xahar fejn il-klassifika kellha tibdil b'mod drastiku hekk kif Hibernians laħqu lil-Lilywhites fil-quċċata tal-klassifika, li iżda, reġgħu ċedew l-ewwel post.

Min-naħa tagħhom, Birkirkara qabżu waħedhom fit-tielet post tal-klassifika wara li matul ix-xahar ta' Marzu kisbu 10 punti minn massimu ta' 12. Wara bidu diżappuntanti, jidher li l-Karkariżi ġejjin f'tagħhom fil-mument opportun biex issa jinsabu l-favoriti li jikkwalifikaw għall-kompetizzjoni tal-UEFA Europa League (minkejja li fil-futbol jista' jiġri kollox).

Mhux l-istess jista' jingħad għal Floriana, li jinsabu fir-raba' post, meta kisbu biss erba' punti (minn 12) .... bil-konsegwenza ta' instabbiltà fil-kamp u bir-riżenja tal-istaff tekniku mmexxi mill-kowċ Michael Woods. Iżda s-suċċessur tiegħu, Joe Brincat, beda fuq nota tajba meta kiseb it-tliet punti fir-rebħa ta' 3-1 fuq Balzan Youths.

Sliema Wanderers, li jinsabu fil-ħames post, ma tantx għaddejjin minn perijodu tajjeb meta matul dan ix-xahar kisbu rebħa, draw u sofrew żewġ telfiet minn erba' partiti ... biex anke jistgħu jintlaħqu minn Balzan Youths li qed ifittxu l-ewwel rebħa f'din it-Tieni Fazi, meta (minn tliet partiti) kisbu biss punt fid-draw ta' 3-3 kontra l-istess Wanderers.

Iżda għalkemm il-Youths qed isibu l-ħajja diffiċli f'din il-kategorija, l-importanti għalihom kien li ntlaħaq l-objettiv ewlieni li minbarra li kkwalifikaw fiċ-Championship Pool,

## It-Tieni Rawnd

**Logħba Nru 127 - 03.03.2012 - 14.00 hrs**

**Mqabba** 1
B. Mamic 20

**Hibernians** 6
M. Dias 16, 46, P. Grima 30 o.g.; Edward Herrera 38, 48, E. L. D. Santos 45 pen

HT 1-4 **Hibernians Stadium**

**Mqabba** – Franklin Azzopardi, Clayton Micallef, Pierre Girma (Rene Duca 52), Ryan Sammut, Branislav Timotic, Mario Potezica, David Azzopardi, Claudio Calleja, Bojan Mamic, Thiago Dos Santos Mazzitelli (John Nwoba 79), Marlon Briffa (John Paul Muscat 67)
*Kowċ* – Clive Mizzi
**Hibernians** – Mario Muscat, Jonathan Pearson (Peter Anizoba Chizoba 46), Aaron Xuereb, Rodolfo Soares, Jason Vandelannoite, Bjorn Kristensen, Andrew Cohen, Edward Herrera (Steve Pisani 69), Marcelo Dias, Clayton Failla (Ryan Camilleri 78), Edison Luis Dos Santos
*Coach* – Mark Miller
Referee – Alan Mario Sant
Assistenti – Alan Camilleri, Alex Grech
Raba' Uff. – Kevin Azzopardi
Ammoniti – R. Soares (H); B. Timotic (M)

## It-Tieni Rawnd

**Logħba Nru 128 - 03.03.2012 - 14.00 hrs**

Dan il-programm, li se jkun amministrat mill-Kunsill Malti għall-Isport, se jkun jikkonsisti f'sezzjonijiet ta' mixi, għawm u eżerċizzji oħra għall-iżvilupp tas-saħħa fiżika u tal-bilanċ, u tisħiħ tal-muskoli li huma meħtieġa għall-anzjani. L-inizjattivi li se jagħmlu parti minn dan is-*Senior Citizens On The Move* huma l-*Walkfit 60+* li se jkun ifformat minn *easy walks* darba fix-xahar; *Swimfit 60+* li se jibda jsir fil-Pixxina Nazzjonali f'tal-Qroqq; u programm ieħor ta' eżerċizzji għall-flessibbiltà, is-saħħa u l-bilanċ li se jibda jittella' fi swali differenti fir-residenza San Vinċenz de Paule. Waqt id-diskors tiegħu l-Onor. Puli, fakkar kif matul din il-leġislatura l-Gvern nieda programmi sportivi godda mal-KMS, nieda skema ta' inizjattivi sportivi mal-Kunsilli Lokali, waqqaf l-i*Sport Promotion Unit* fl-iskejjel li qed ittella' programmi sportivi qabel, waqt u wara l-ħinijiet tal-iskola u qed jgħin lill-Għaqdiet sportivi sabiex huma wkoll jinvestu fi programmi sportivi.

Huwa spjega li, fl-2010, il-Gvern intorduċa proġett pilota, fil-Mellieħa, fejn anzjani setgħu jagħmlu attivitajiet ta' eżerċizzju fiżiku bi programm speċjali tal-KMS immirat għalihom u qal li proprju din is-sena, fis-sena Ewropea ddedikata għall-Azjanità Attiva, il-Gvern qed iniedi dan il-programm fuq skala Nazzjonali. Puli tenna li dan il-programm hu mmirat biex iżid il-livelli ta' indipendenza u benesseri tal-anzjani filwaqt li jtejjeb il-kwalità ta' ħajja tagħhom.

Is-Segretarju Parlamentari Mario Galea, qal li l-miri tas-sena tal-Unjoni Ewropea ddedikata għall-Anzjanità Attiva huma l-parteċipazzjoni ta' persuni anzjani fis-suq tax-xogħol, anzjanità attiva permezz ta' promozzjoni u inizjattivi għal saħħa fiżika, mentali u soċjali aħjar, parteċipazzjoni ta' persuni anzjani fil-qasam tal-volontarjat u solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet. Hu żied li l-attività tal-lum tagħtina opportunità biex nilħqu dawn il-miri u għalkemm is-soċjetà tagħna ma tarax wisq konnessjonijiet bejn l-anzjani u l-isport, huwa importanti li l-anzjani ma jintelqux u jibqgħu attivi.

Is-Segretarju Parlamentari fakkar kif l-anzjani tagħna llum jagħmlu l-attività fiżika fid-*Day Centres*, jieħdu sehem fl-*Isports Day*, u ta' kull sena fir-Residenza San Vinċenz de Paul issir *fun run* li fiha jieħdu sehem l-anzjani. Galea qal li r-riċerka turi li iktar ma l-bniedem jikber, iktar tonqos il-possibbiltà li jibda jipparteċipa fl-isport. Saħaq li dan hu impenn ċar ieħor tal-Gvern kontra l-obeżità li kif uriet il-Eurostat illum hi problema mifruxa sew qalb il-popolazzjoni. L-istatistika turi wkoll li Malta għandha rata għolja ħafna ta' anzjani li jpejpu.

Mario Galea qal li, illum għall-ewwel darba, istituzzjoni ta' kura fit-tul qed taħseb anki fl-isport għall-anzjani. Wara l-konferenza tal-aħbarijiet, is-Segretarji Parlamentari żaru x-xogħlijiet li qed isiru fil-grawnd tal-futbol li qed jinbena fir-Residenza San Vinċenz de Paul li se jkun qed jintuża kemm mill-anzjani kif ukoll mill-klabb tal-futbol ta' Luqa SA.








# 13-il unur matul l-ewwel edizzjoni tal-Malta Horse Racing Awards

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

Tlettax kienu l-unuri li ġew imqassma matul l-ewwel edizzjoni tal-Malta Horse Racing Awards għas-sena 2011 li ttellgħet dan l-aħħar, fil-lukanda Dolmen fil-Qawra.




Din l-attività setgħet tkun possibbli li tiġi organizzata grazzi għall-għajnuna tal-Kunsill Malti għall-iSport, l-awtorità Maltija għall-Isport u kienet ikkordinata minn Kenneth Vella, Direttur fi ħdan l-istess Kunsill.

Matul is-serata, saru diskorsi mis-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, li ta ħarsa lejn l-għajnuna li ta l-Gvern fl-aħħar snin lil dan l-isport, minn Bernard Vassallo, Chairman tal-Kunsill Malti għall-iSport u minn Dr Matthew Brincat, chairman tal-Malta Racing Club. Preżenti wkoll kien hemm l-Onore-voli Chris Agius, Kelliem tal-Oppożizzjoni dwar l-Isport.

Is-serata kienet ippreżentata minn Lucienne Selvagi u matulha ġew ippremjati Noel Baldacchino bħala s-sewwieq tal-istaġun; Rodney Gatt bħala s-sewwieq apprendist; Ramon Grima bħala l-aħjar jockey tas-sena u s-sidien ta' Major Chaleonnais (Charlò Debono) u Ollie Fliptrik (Sarah Borg) bħala l-aktar żwiemel konsistenti fil-qasam tat-trott u galopp rispettivament.

Ma' dawn ingħataw numru ta' awards ġodda bħal dak għaż-żiemel rivelazzjoni tal-istaġun li ntrebaħ mill-Isvediż Livi Cantona, proprjetà tas-Sur Alfred Calleja u misjuq minn Charles Camilleri.

Award ieħor kien għall-isbaħ tmiem ta' finali għall-istaġun 2011, li ntrebaħ mill-Franċiż Kakisis, li kien spikka fil-finali tat-Tazza l-Kbira meta misjuq minn sidu stess Johan Axisa. Dawn iż-żewġ awards ġew deċiżi b'votazzjoni min-naħa tal-ġurnalisti li jirrapportaw dan l-isport matul is-sena.

Ingħataw ukoll tliet awards għal *Lifetime Achievement* lis-sewwieq veteran Raymond Clifton u lis-sidien u trainer taż-żwiemel In Vitro du Bourg (Kalcidon u Ivan Bilocca u Ċensu Debono) u lil dawk ta' James de l'Iton (Kevin Falzon u Raymond Micallef)

Dawn iż-żewġ żwiemel popolari ġew irtirati matul l-istaġun li għadda. Il-jockey Michael Sultana rċieva award għal suċċessi internazzjonali li kellu fl-istaġun li għadda f'diversi pajjiżi bħal Belġju, Franza, Germanja u Kuwait.

Matul l-ewwel edizzjoni tal-Malta Horse Racing Awards ġew imfakkra wkoll is-sewwieqa Charles Clifton u George Schembri li mietu dan l-aħħar.

Preżenti għas-serata kien hemm ukoll it-trainer u sew-wieq professjonali Malti, fl-Isvezja, Charles Dergiorgio li wkoll għamel waħda mill-preżentazzjonijiet.

Preżentazzjonijiet oħrajn saru mill-eks champion Ewropew Tony Cauchi, mis-Segretarju Parlamentari Clyde Puli, Bernard Vassallo, Dr Matthew Brincat u uffiċjali oħra tal-Malta Racing Club u dawk mill-kumitat organizzattiv.

Is-serata ttellgħet bl-għajnuna wkoll tal-lukanda Dolmen, Assikura Insurance Brokers Limited, Marindex Trophies, Emotion Illuminated Signs, Print It Printing Services, Emmanuel Delicata Winery, General Soft Drinks u Valletta Fund Management.

**Ritratti: Alex Azzopardi**





*L-Onorevoli Clyde Puli jippreżenta l-Award tas-Sewwieq tas-Sena lil Noel Baldacchino*



*Is-Sur Roderick Vella jippreżenta l-Memorial Award Charles Clifton*



*Dr. Matthew Brincat jippreżenta l-Award tal-Isbaħ Tmiem ta' Finali - Kakisis*



*Is-Sur Bernard Vassallo jippreżenta l-Award taż-Ziemel Rivelazzjoni tas-Sena - Livi Cantona*



*Is-Sinjura Ben Azzopardi, eks-kap ta' E22, tippreżenta l-Award tas-Sewwieq Apprendist tas-Sena Rodney Gatt*



*Is-Sur Kenneth Vella, Direttur KMS u l-moħħ wara l-organizzazzjoni tas-serata, jippreżenta l-Memorial Award George Schembri*



*Is-sewwieq u trainer professjonali Malti fl-Isvezja, Charles Degiorgio, jippreżenta l-International Achievement Award lil Michael Sultana*



*Is-Sur Mark Vella, Direttur tal-Marketing fil-Kunsill tal-MRC, jippreżenta l-Award tal-Jockey tas-Sena lil Ramon Grima*



*Is-Sur Mark Millo, Direttur MRC jippreżenta l-Award taż-Żiemel tal-Galopp tas-Sena - Ollie Fliptrick*





*Preżentazzjoni għal Major Chaleonnais minn Joe Cassar, membru tal-Kumitat Organizzattiv, l aktar żiemel tat trott konsistenti 2011*



*Lifetime Achievement Award lil Raymond Clifton mogħti minn Tony Cauchi, ex-champion Ewropew*



*Lifetime Achievement Award - Kevin Falzon u Ray Micallef sid u trainer ta' James de l'Iton mogħti minn Jason Vassallo u Joe Zerafa*



*Lifetime Achievement Award - Kalċidon Bilocca, Ivan Bilocca u Ċensu Debono sidien u trainer ta' In Vitro du Bourg mogħti minn Tony Demanuele*

## Regatta – Jum il-Ħelsien



# L-Isla jimmiraw li jirrepetu s-suċċess tas-sena li għaddiet







L-Isla se jkunu qed iħarsu li jirbħu x-*shield* ta' Jum il-Ħelsien għall-għaxar darba fl-istorja hekk kif proprju llum, 31 ta' Marzu, fil-Port il-Kbir, terġa' ssir regatta oħra bil-parteċipazzjoni ta' seba' distretti. L-edizzjoni tas-sena li għaddiet kienet iddominata mill-Isla li rebħu ż-żewġ *shields* u għalhekk il-pressjoni fuq dan id-distrett mistennija tkompli tikber biex jerġa' jirrepeti s-suċċess li kiseb f'dawn l-aħħar snin. L-akbar rivali tal-Isla mistennija jkunu Bormla li din is-sena jidhru li saħħew il-flotta bl-objettiv ewlieni jkun li jerġgħu jirritornaw jirbħu.

Sena ilu l-Isla mhux biss kienu rebħu l-*aggregate shield* fil-kategorija *open* iżda kontra kull mistenni kienu rebħu wkoll il-kategorija B biex kisbu d-*double*. Dan it-tragward pero' ma kienx milħuq fl-aħħar regatta ta' Jum il-Vitorja meta kienu l-Marsa li ħarġu bl-unuri, Bormla t-tieni u l-Isla fit-tielet post.

Bla dubju, l-Isla jibdew bħala l-akbar favoriti għalkemm m'għamlu l-ebda akkwisti minn Settembru li għadda 'l hawn. Madankollu l-klabb għażel li jbiddel uħud mill-qaddiefa f'diversi tiġrijiet u dan bil-għan li wieħed jesperimenta għar rebħ tax-*Shield* ta' Settembru. Hemm min hu tal-fehma li din id-darba d-dominju tal-Isla jista' ikun imwaqqaf minn Bormla li għal dawn l-aħħar ġimgħat tħarrġu bis-serjetà għar-regatta tal-aħħar ta' dan ix-xahar. Il-qaddiefa tal-Isla bdew il-preparazzjoni tagħhom ftit aktar tard mis-soltu peress li kien qed isir xogħol ta' manutenzjoni fil-klabb, tant, li fil-bidu ta' dan ix-xahar il-Prim Ministru Lawrence Gonzi inawgura l-bini l-ġdid ta' dan il-klabb.

Għal darb'oħra din l-edizzjoni tar-regatta qed tiġi organizzata mill-Kunsill Malti għall-iSport. L-aħħar edizzjonijiet kienu imfaħħra mill-maġġoranza b'ħafna kienu dawk li apprezzaw is-serjetà fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment.

kunsill malti
għall-isport
www.sportmalta.org.mt



# Proġetti bejn l-iSport Promotion Unit fi ħdan il-Kunsill Malti għall-iSport u l-Malta Football Association

Matul din is-sena skolastika, ġie mniedi l-proġett bejn l-iSport Promotion Unit fi ħdan il-Kunsill Malti Għall-iSport u l-Malta Football Association.

Dan il-proġett huwa maħsub għat-tfal kollha tat-tielet u r-raba' sena tal-iskejjel primarji. Dawn it-tfal qegħdin isirulhom sessjonijiet ta' taħriġ regolari mill-coaches tan-nursery tal-lokalità tagħhom. Il-mira ta' dan il-proġett huwa li aktar tfal jibdew jipprattikaw il-futbol b'enfasi fuq il-parteċipazzjoni femminili f'dan l-isport.

L-iskejjel primarji tal-Kulleġġ San Ġorġ Preca, li ġew magħżulin biex flimkien man-nurseries tal-lokalità tagħhom isir il-proġett pilota fihom, huma:

- Hamrun G.P.,
- Hamrun S.S.,
- Marsa,
- Paola,
- Pieta,
- Valletta
- Floriana



Dan il-proġett sar possibbli permezz tal-għajnuna mill-Principal tal-Kulleġġ San Ġorġ Preca, is-Sur James Camilleri, miċ-Ċentru Tekniku tal-MFA, immexxi mis-sur Robert Gatt, bl-għajnuna ta' Maria Mifsud, Deputat Segretarja Ġenerali (Grassroots, Youth Development and Education) l-amministraturi u l-Headcoaches/Coaches tan-Nurseries li qegħdin jieħdu sehem u l-koordinatur Ludvic Bartolo min-naħa ta' l-iSport Promotion Unit fi ħdan il-Kunsill Malti Għall-iSport immexxija minn Robert Portelli.

Jidher li diġà ġiet irreġistrata parteċipazzjoni ikbar f'dawn in-Nurseries u qed isir pjan kif dan il-proġett jinfirex f'kulleġġi oħra matul is-sena skolastika li ġejja.





# MALTA SPORTS SCHOLARSHIP SCHEME



**The Government is committed to continue investing in the development of sports in Malta through initiatives which assist athletes, sports professionals and organisations elevate their standing to a higher status and reach wider international recognition.**

Administered by the Directorate for Life Long Learning in collaboration with KMS, the Malta Sports Scholarships Scheme is offering financial assistance **to athletes who intend to pursue professional specialisation in skill and performance** and to students who are interested in pursuing academic qualifications in any of these categories:

- **Sports Management and Administration**
- **Sports Psychology and Coaching**
- **Sports Exercise and Health**
- **Sports Medicine**
- **Sports Law**

Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

Directorate for Life Long Learning

Application forms are available for download from:

**www.myscholarship.gov.mt**
**www.sportmalta.org.mt**

and must be submitted by April 30, 2012 at noon


POWERADE®
ZERO
ZERO SUGAR
CALORIE FREE
POWERADE
ZERO
ZERO SUGAR • CALORIE FREE
BERRY & TROPICAL FLAVOUR
NATURAL FLAVOURS NO ADDED PRESERVATIVES

# Luxol jirbħu l-BOV Knock-Out tal-Irġiel




*Is-Sur Peter Perotti, Kap Eżekuttiv tal-Bank of Valletta, jippreżenta t-tazza lill-captaint ta' Luxol, Marco Mercieca*



*Azzjoni mil-logħba bejn Luxol u Floriana*

Fil-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni, MSV Life tal-Irġiel, Athleta spiċċaw fuq quddiem segwiti minn Siggiewi, Floriana Francesco Fenech u Depiro Mtarfa, li kollha kisbu post fil-'playoffs', għar-rebħ tat-titlu.

Il-finali tal-BOV Knock-Out tal-Irġiel, intrebħet minn Bupa Luxol li għelbu lil Floriana Francesco Fenech, b'dawn tal-aħħar jidhru fil-finali għall-ewwel darba. Mhux l-istess Luxol, li rebħu dan l-unur għal 16-il darba fl-istorja tagħhom. Huma fetħu vantaġġ qawwi kontra Floriana u għalkemm il-Furjaniżi għamlu rimonta, id-distakk kien kbir wisq biex setgħu jsalvaw il-logħba.

Fit-Tieni Diviżjoni spiċċa t-tieni rawnd ta' logħob, bis-Siggiewi jiġu nkurunati champions segwiti minn Bell Net SN Suns. Huma rebħu l-Kampjonat mingħajr telfa minn 14-il logħba.

Ingħata bidu ta' kompetizzjoni oħra, bejn l-aħħar żewġ timijiet tal-Ewwel Diviżjoni u l-ewwel żewġ timijiet mit-Tieni Diviżjoni.

Il-BOV Knock-Out tat-Tieni Diviżjoni kellha l-bidu tagħha meta erba' timijiet daħlu fis-semi finali - Qormi Phoenix, Bell Net SN Suns, Miscela D'Oro Mtarfa u Siggiewi. Hawnhekk Mtarfa ħarġu rebbieħa fuq Suns filwaqt li Siggiewi kisbu rebħa fuq Qormi.

Il-Kampjonat MSV Life tan-Nisa ikompli sejjer fejn beda t-tieni rawnd ta' logħob.

Bħalissa fuq quddiem hemm McDonalds Depiro u Alyssa Ashley Loyola, b'logħba aktar minn Luxol , li jinsabu punt taħthom.

### Kampjonat MSV Life 1 Div. Irġiel

**Tata Motors Loyola** .......... 72
**Floriana Francesco Fenech** .......... 77
(11-23, 24-16, 19-17, 18-21)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, A. Carbonaro

**Siggiewi** .......... 91
**Bupa Luxol** .......... 69
(18-15, 17-20, 22-16, 34-18)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, C. Terribile

**A to Z Electronics Athleta** .......... 47
**Depiro Mtarfa** .......... 70
(10-17, 13-16, 16-16, 8-21)
Referis: G. Barbara, E. Mangani. C. Terribile

**Depiro Mtarfa** .......... 82
**Floriana Francesco Fenech** .......... 85
(wara l-ħin barrani)
(16-18, 19-15, 15-17, 20-20) – (12-15)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, S. Gouder

**Bupa Luxol** .......... 64
**A to Z Electronics Athleta** .......... 72
(26-10, 20-9, 12-20, 6-33)
Referis: G. Barbara, A. Carbonaro, L. Camilleri

**Tata Motors Loyola** .......... 59
**Siggiewi** .......... 68
(14-11, 10-24, 23-13, 12-20)
Referis: E. Mangani, S. Gouder, C. Terribile

**A to Z Electronics Athleta** .......... 75
**Tata Motors Loyola** .......... 72
(15-12, 27-13, 23-24, 10-23)
Referis: E. Mangani, S. Gouder, C. Terribile

**Floriana Francesco Fenech** .......... 52
**Siggiewi** .......... 81
(14-24, 10-24, 20-15, 8-18)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, C. Terribile

**Depiro Mtarfa** .......... 72
**Bupa Luxol** .......... 71
(21-12, 22-19, 12-15, 17-25)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, E. Mangani

**Bupa Luxol** .......... 65
**Floriana Francesco Fenech** .......... 78
(19-11, 19-19, 12-19, 15-29)
Referis: G. Barbara, S. Gouder, C. Terribile

**Siggiewi** .......... 70
**A to Z Electronics Athleta** .......... 85
(29-23, 11-21, 13-27, 17-14)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, C. Terribile

| Klassifika Finali | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A to Z Electronics A. | 10 | 9 | 1 | 733 | 588 | 19 |
| Floriana Francesco F. | 10 | 6 | 4 | 692 | 710 | 16 |
| Depiro Mtarfa | 10 | 5 | 5 | 678 | 689 | 15 |
| Siggiewi | 10 | 5 | 5 | 726 | 697 | 15 |
| Bupa Luxol | 10 | 3 | 7 | 689 | 777 | 13 |
| Tata Motors Loyola | 10 | 2 | 8 | 677 | 736 | 12 |

### Play Offs MSV Life I Div. Irġiel Semi Finali

**A to Z Electronics Athleta** .......... 62
**Siggiewi** .......... 59
(12-16, 23-17, 12-20, 15-6)
Referis: G. Barbara, A. Carbonaro, L. Camilleri

**Floriana Francesco Fenech** .......... 74
**Depiro Mtarfa** .......... 67
(16-10, 16-23, 25-19, 17-15)

Referis: B. Vassallo, E. Mangani, S. Gouder

## BOV K.O. I Div. Irġiel
## Semi Finali

**Depiro Mtarfa** .................. 56
**Floriana Francesca Fenech** .............. 57
(14-13, 12-14, 14-14, 16-16)
Referees: G. Barbara, E. Mangani, C. Terribile

**A to Z Electronics Athleta** .............. 61
**Bupa Luxol** .................. 65
(15-12, 13-21, 18-11, 15-21)
Referis: G. Barbara, A. Carbonaro, L. Camilleri

## BOV K.O. I Div. Irġiel
## Finali

**Floriana Francesco Fenech** .............. 80
**Bupa Luxol** .................. 87
(12-26, 15-24, 19-14, 34-23)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, C. Terribile

## Placing Pool I/II Div. Irġiel

**Bupa Luxol** .................. 93
**Starlites** .................. 64
(25-17. 29-17, 24-15. 15-15)
Referis: E. Mangani, S. Gouder

## Kampjonat II Div. Irġiel

**Bell Net SN Suns** .................. 70
**Siggiewi** .................. 83
(15-14, 18-18, 15-28, 22-23)
Referis: A. Carbonaro, C. Terribile

**Qormi Phoenix** .................. 55
**Miscela D'Oro Mtarfa** .................. 51
(Wara hin barrani)
(18-2, 8-16, 12-12, 8-16) – (9-5)
Referis: E. Mangani, R. Darmanin

**Starlites** .................. 45
**Floriana YTC Travel** .................. 36
(11-9, 14-7, 7-8, 13-12)
Referis: E. Mangani, B. Sly

**Athleta** .................. 45
**Mellieha Tritones** .................. 35
(10-9, 13-8, 8-12, 14-6)
Referis: G. Barbara, A. Carbonaro

**Siggiewi** .................. 59
**Qormi Phoenix** .................. 42
(9-7, 8-11, 26-13, 16-11)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

**Mellieha Tritones** .................. 46
**Bell Net SN Suns** .................. 62
(13-20, 11-11, 15-15, 7-16)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

**Miscela D'Oro Mtarfa** .................. 39
**Starlites** .................. 40
(7-12, 7-4, 11-13, 14-11)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

| Klassifika Finali | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Siggiewi (Champions) | 14 | 14 | 0 | 1033 | 603 | 28 |
| Bell Net SN Suns | 14 | 11 | 3 | 991 | 686 | 25 |
| Starlites | 14 | 10 | 4 | 703 | 662 | 24 |
| Mellieha Tritones | 14 | 5 | 9 | 712 | 722 | 19 |
| Qormi Phoenix | 14 | 5 | 9 | 579 | 772 | 19 |
| Athleta | 14 | 4 | 10 | 642 | 853 | 18 |
| Floriana YTC Trav. | 14 | 4 | 10 | 669 | 878 | 18 |
| Miscela D'Oro | 14 | 3 | 11 | 611 | 719 | 17 |

## Placing Pool I/II Div. Irġiel

**Bupa Luxol** .................. 93
**Starlites** .................. 64
(25-17. 29-17, 24-15. 15-15)
Referis: E. Mangani, S. Gouder

**Tata Motors Loyola** .................. 88
**Bell Net SN Suns** .................. 49
(25-10, 27-14, 23-11, 13-14)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

## BOV K.O. II Div. Irġiel

**Qormi Phoenix** .................. 64
**Athleta** .................. 61
(wara hin barrani)
(13-10, 13-13, 11-15, 17-16) – (10-7)
Referis: G. Barbara, E. Mangani

**Floriana YTC Travel** .................. 50
**Bell Net SN Suns** .................. 59
(12-15, 16-17, 9-8, 13-19)
Referis: S. Gouder, B. Sly

**Miscela D'Oro Mtarfa** .................. 57
**Starlites** .................. 29
(11-5, 21-9, 14-5, 11-10)
Referis: L. Camilleri, R. Darmanin

**Mellieha Tritones** .................. 43
**Siggiewi** .................. 68
(12-20, 9-20, 12-14, 10-14)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

## Kampjonat MSV Life Nisa

**McDonalds Depiro** .................. 65
**Alyssa Ashley Loyola** .................. 54
(14-12. 15-10, 20-18, 16-14)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

**Hibs Melita Gardens** .................. 54
**Athleta Honey** .................. 41
(13-9, 11-16, 22-10, 8-6)
Referis: G. Barbara, A. Carbonaro

**Phoenix Qormi Mendoza** .................. 25
**Starlites Sports Experience** .............. 47
(4-8, 9-14, 7-12, 5-13)
Referis: E. Mangani, J. Mangani

**Alyssa Ashley Loyola** .................. 66
**Luxol** .................. 56
(12-21, 15-12, 20-18, 19-5)
Referis: B. Sly, R. Darmanin

**Starlites Sports Experience** .............. 24
**Alyssa Ashley Loyola** .................. 84
(6-21, 7-12, 7-29, 4-22)
Referis: E. Mangani, J. Mangani

**Honey Athleta** .................. 90
**Phoenix Qormi Mendoza** .................. 44
(22-13, 21-5, 24-21, 23-5)
Referis: E. Mangani, J. Mangani

**Luxol** .................. 64
**McDonalds Depiro** .................. 53
(10-15, 23-13, 14-12, 17-13)
Referis: E. Mangani, S. Gouder

**Hibs Melita Gardens** .................. 65
**Phoenix Mendoza** .................. 45
(9-15, 21-10, 19-12, 16-8 )
Referis: C. Terribile, R. Darmanin

**Honey Athleta** .................. 52
**Alyssa Ashley Loyola** .................. 64
(16-23, 15-10, 5-16, 16-15)
Referis: G. Barbara, R. Darmanin

**Starlites Sports Experience** .............. 21
**McDonalds Depiro** .................. 78
(6-14, 9-16, 4-31, 2-17)
Referis: C. Terribile, R. Darmanin (l-ewwel parti)
E. Mangani, J. Mangani (it-tieni parti)

**Luxol** .................. 71
**Starlites Sports Experience** .............. 29
(20-6, 19-9, 21-4, 11-10 )
Referis: S. Gouder, L. Camilleri

**McDonalds Depiro** .................. 49
**Honey Athleta** .................. 50
(10-6, 8-13, 17-18, 14-13)
Referis: C. Terribile, L. Camilleri

**Alyssa Ashley Loyola** .................. 30
**Hibs Melita Gardens** .................. 47
(2-9, 11-13, 10-9, 7-16)
Referis: E. Mangani, B. Sly

**Honey Athleta** .................. 40
**Luxol** .................. 49
(8-17, 10-9, 10-15, 12-8)
Referis: E. Mangani, L. Camilleri

**Honey Athleta** .................. 40
**Luxol** .................. 49
(8-17, 10-9, 10-15, 12-8)
Referis: E. Mangani, L. Camilleri

**Phoenix Qormi Mendoza** .................. 24
**Alyssa Ashley Loyola** .................. 67
(5-17, 6-14, 6-16, 7-20)
Referis: A. Carbonaro, J. Mangani

**Hibs Melita Gardens** .................. 59
**McDonalds Depiro** .................. 72
(13-20, 7-19, 21-16, 18-17)
Referis: E. Mangani, S. Gouder

| Klassifika Finali | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| McDonalds Depiro | 9 | 7 | 2 | 582 | 421 | 16 |
| Alyssa A. Loyola | 9 | 7 | 2 | 586 | 337 | 16 |
| Luxol | 8 | 7 | 1 | 547 | 322 | 15 |
| Hibs M. Gardens | 9 | 5 | 4 | 554 | 409 | 14 |
| Athleta | 9 | 3 | 6 | 501 | 494 | 12 |
| Starlites S. Exp. | 8 | 1 | 7 | 252 | 545 | 9 |
| Phoenix Qormi M. | 8 | 0 | 8 | 213 | 623 | 8 |



Mohammed Hajji

# Il-Marokkin Hajji viċin li jikser ir-rekord ta' kull żmien

**L-atleta Marokkin, Mohammed Hajji, kien 27 sekonda biss 'il bogħod milli jikser ir-rekord tal-Maratona ta' Malta, li saret fis-26 ta' Frar, li għadda, meta reġa' ħareġ rebbieħ għat-tieni sena konsekuttiva.**

Din l-edizzjoni, is-27 waħda tal-Maratona ta' Malta, kienet suċċess għall-atleti lokali meta rnexxielhom jispiċċaw fost ir-rebbieħa b'mod partikolari fil-kategoriji femminili u li kienet ukoll ikkaratterrizzata minn numru rekord ta' parteċipanti meta ħadu sehem aktar minn 2,500 atleta.

Iż-żewġ atleti Marokkini, Mohammed Hajji u Kabbouri Abdelkerim, li s-sena l-oħra spiċċaw fl-ewwel u t-tieni post rispettivament, reġgħu rrepetew is-suċċess tagħhom fl-istess pożizzjonijiet.

Hajji rebaħ f'ħin ta' sagħtejn, 19-il minuta u erba' sekondi (2:19.04) biex kien 27 sekonda biss 'il bogħod milli jikser ir-rekord fuq distanza ta' 42km.

Min-naħa tiegħu, Abdelkerim spiċċa f'ħin ta' 2:25.37 filwaqt li fit-tielet post reġa' spiċċa l-Malti ta' St. Patrick's, Jonathan Balzan, li rreġistra ħin ta' 2:32.25.


Kabbouri Abdelkerim


Jonathan Balzan

Minbarra dawn iż-żewġ Marokkini beda favorit ukoll il-Kenjan, Sammy Kiprotich, li rtira minħabba uġiegħ fl-istonku.

Suċċess Malti nkiseb fil-kategorija femminili meta l-ewwel tlieta kienu kollha atleti lokali.

L atleta ta' St. Patrick's, Carmen IIili, daħlet l-ewwel f'ħin ta' tliet sigħat, tliet minuti u 15-il sekonda (3:03.15) segwita minn Michelle Vella Wood ta' Birkirkara St. Joseph (3:18.50) u Rita Galea ta' St. Patrick's (3:19.11).

L-Ungeriż Jossa Gabor rebaħ in-Nofs Maratona f'ħin ta' siegħa, seba' minuti u 31 sekonda (1:07.31) segwit mill-Britanniku Gary Pennington (1:10.33) u l-Malti Clive Gerada ta' St. Patrick's (1:12.54) filwaqt li reġa' kien hemm dominju Malti femminili f'din il-kategorija.

Dan għaliex filwaqt li Angele Sammut ta' St. Patrick's rebħet f'ħin ta' 1:24.27, kienet segwita minn Romina Bezzina ta' Ladies Running Club (1:24.43) u Doreen Camilleri ta' Zurrieq Wolves (1:26.26).

Il-walkathon, li wkoll kellha parteċipazzjoni sabiħa, intrebħet minn Edward Bellia f'1:54.17.




Range Rover Evoque diesel coupe 2.2: Combined 5.7 l/100km, CO2 emissions 129 g/km. Drive responsibly on and off-road.



Il-panel tal-Kunsill tal-Gozo Football Association waqt il-laqgħa



L-Isqof Mario Grech jitkellem mal-President tal-GFA, Alvin Grech

# Mons. Isqof Mario Grech jiltaqa' mal-Kunsill tal-Gozo Football Association

**Nhar l-Erbgħa, 7 ta' Marzu 2012, l-Isqof Mario Grech għamel żjara fil-Kwartieri Ġenerali tal-Gozo Football Association waqt li kienet qed tinżamm Laqgħa tal-Kunsill tal-istess GFA.**

Il-President, Alvin Grech ta merħba lill-Eċċellenza tiegħu Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex fejn qal li kien ta' pjaċir għall-familja tal-futbol li tilqa' fi ħdanha lir-Ragħaj Spiritwali tad-Djoċesi Għawdxija.

Min-naħa tiegħu, Mons. Grech qal li huwa ta' pjaċir għalih li kien qed jindirizza lill-Kunsill tal-Gozo Football Association. Huwa qal li bil-preżenza tiegħu xtaq juri l-apprezzament tal-Knisja għall-ħidma tal-uffiċjali tal-GFA u tal-Klabbs Għawdxin u biex juri d-disponibbiltà tal-Knisja Għawdxija biex tara kif tista' tgħin f'din l-attività sportiva.

Mons. Isqof qal li r-Rumani kellhom bħala regola ta' ħajja l-prinċipju 'panem et circensis' li tfisser ħobż u logħob fiċ-ċirklu. Huwa żied jgħid li llum qed ngħixu f'epoka meta, biex jassigura li jkollu l-ħobż għal-lum u għal għada, il-bniedem tant intrikeb mix-xogħol, li qajla jifdallu ħin biex jilgħab.

Kien għalhekk li ftit jiem ilu huwa tkellem dwar il-valur ċivili tal-Ħadd. U dan għax b'hekk il-ħaddiem ikollu l-ħin ħieles tiegħu fejn huwa jkollu l-possibbiltà li jwettaq attivitajiet oħra li ma għandhomx x'jaqsmu mal-produttività u l-konsum, bħalma hija attività sportiva. Mhux sew li jkollna qagħda fejn, biex iserraħ moħħu mill-ħobża ta' kuljum, il-ħaddiem ikollu jissagrifika l-ħin tal-mistrieħ tiegħu.

Mons. Grech kompla jgħid li l-logħob tal-ballun jagħmilna soċjetà li ma għandhiex konfini. Infatti l-logħob tal-ballun huwa esperjenza globali, u għalhekk joffri opportunità biex bil-kuntatti ma' pajjiżi oħra, dawk involuti ma jibqgħux provinċjali fil-mentalità u fil-kultura tagħhom. Huwa żied jgħid li hija veramenti ħasra li minħabba r-rivalità li tista' tinħoloq bejn tim u ieħor, il-bniedem jitlef dan il-ftuħ.

Huwa kompla jgħid li minn barra milli huwa eżerċizju fiżiku, dan l-isports jgħin biex il-bniedem jikber f'ċerti virtujiet u valuri bħalma huma l-perseveranza, id-determinazzjoni, id-disponibbiltà, spirtu ta' sagrifiċċju, id-dixxiplina interjuri u esterna, ir-rispett lejn il-proxxmu, is-sens ta' solidarjetà, l-għarfien tal-limiti personali u fuq kollox is-sens ta' Fair Play. Dawn kollha huma valuri umani, imma huma wkoll valuri Nsara. Għalhekk, żied jgħid Mons Isqof Grech li meta l-isport huwa ppratikat bil-passjoni u b'sens etiku, meta l-logħba tkun magħmula minn tpartit tal-ballun u mhux tal-flus, il-logħob bil-ballun isir post fejn wieħed jieħu ħsieb saħħtu, skola ta' formazzjoni umana u spiritwali u mezz privileġġat biex il-bniedem jikber u jidħol f'relazzjoni mal-oħrajn.

Mons. Mario Grech żied jgħid li normalment il-bniedem ifittex attività sportiva biex jeħles mhux biss mit-tensjoni tal-ħajja, imma wkoll minn dawk ir-regoli soċjali li normalment jiddettawlu kif iġib ruħu fl-attività ordinarja ta' kuljum.

Però, għalkemm il-logħba tal-ballun tagħtih dan is-sens ta' ħelsien, il-libertà mhijiex assoluta imma hemm ukoll normi ta' dixxiplina li min jilgħab irid

jirrispetta. Għalhekk vantaġġ ta' dan il-logħob huwa li jgħin lill-individwu jsib il-bilanċ bejn l-eżerċizzju tal-libertà u l-awtodixxiplina - regola li jeħtieġlu japplika f'kull aspett tal-ħajja tiegħu.

Finalment, Mons. Isqof qal fid-dawl ta' dan kollu, meta jkunu fil-grawnd, il-plejers mhumiex biss numru ta' persuni jiġru wara l-ballun, imma huma wkoll edukaturi tal-massa. Huwa saħaq li f'soċjetà nieqsa minn mudelli li jispiraw lill-oħrajn, il-plejers jafu joffru ideali sportivi li jgħinu biex ikollna nies mibnija b'saffejn, mhux biss fiżikament imma wkoll moralment.

Huwa temm jgħid li s-soċjetà hija rikonoxxenti lejn din l-Assoċjazzjoni Għawdxija tal-Futbol u l-Klabbs membri tagħha għal dan il-kontribut siewi li qegħdin jagħtu.

Min-naħa tiegħu, il-President Alvin Grech, qal li l-irwol tal-futbol fil-gżira tagħna huwa mportanti ħafna peress li jolqot prattikament il-fergħat kollha tas-soċjetà Għawdxija u kif l-Amministrazzjoni tal-GFA temmen bis-sħiħ fuq il-ħtieġa li jkompli jissaħħaħ is-settur taż-żgħar fejn mhux biss nagħmlu li nistgħu biex intellgħu plejers tajbin, iżda li nkunu edukaturi u ta' appoġġ għal dawk it-tfal kollha li b'xi mod jew ieħor nistgħu ninfluwenzawhom pożittivament. Huwa tenna li dawk kollha li jaħdmu f'dan is-settur għandhom responsabbiltà kbira xi jġorru.

Alvin Grech qal ukoll li l-GFA trid turi li qed issir ġustizzja u fl-istess waqt apprezzament anke mal-klabbs affiljati magħha. Huwa temm jgħid li hija mportanti ħafna li nuru l-importanza fit-tagħlim tagħna lit-tfal li f'dik l-età wkoll hija iktar importanti l-parteċipazzjoni milli l-kompetittività.

Min-naħa tiegħu, is-Segretarju Ġenerali, Joe Bajada, qal li l-GFA qed tagħmel dak kollu li tista' biex tkompli tifrex id-dimensjoni tagħha internazzjonalment fejn esprima l-parteċipazzjoni Għawdxija fl-isfera internazzjonali, kif ukoll il-kuntatti siewja li qed tagħmel il-GFA biex tistabilixxi rapporti ma' Assoċjazzjonijiet oħra sportivi.

Snooker



# Shaun Sultana jirbaħ il-Gozo Snooker Cup Final 2011/12

**Dan l-aħħar saret il-finali tal-iSnooker Cup organizzata mill-Gozo Billiards and Snooker Club, fir-Rabat, Għawdex. Il-finali ntlagħbet fil-Każin tas-Soċjetà Filarmonika Leone.**

Il-finali tal-Pemier, li kienet tikkonsisti fi 13-il frame, żvolġiet f'waħda ferm kumbattuta bejn żewġ plejers ta' talent.

Il-logħba, ikkontrollata minn Kevin Cassar, mgħejjun mill-marker Michael Micallef, kienet ikkaratterizzata minn logħob sabiħ u missielet, li finalment rat lil Shaun Sultana joħroġ rebbieħ bl-iskor ta' 7-6 fuq l-avversarju Jason Vassallo.

Vassallo kien ilu jiddomina din il-kompetizzjoni għal dawn l-aħħar sitt snin. F'din il-finali, Jason Vassallo għamel rimonta tajba fuq Shaun Sultana, wara li dan tal-aħħar kien qed jirbaħ 6-3 fuq l-istess Vassallo. Fi draw ta' 6-6, kien finalment Sultana li ħareġ rebbieħ fit-13-il frame. Kien frame kumbattut ferm li spiċċa bi *clearance* ta' Sultana, bil-boċċa s-sewda tkun dik deċiżiva. Jason Vassallo rreġistra l-aħjar break.

Il-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni ntrebaħ minn Jason Portelli li fil-finali għeleb lil Christian Spiteri bl-iskor ta' 6-3. L-istess Portelli rreġistra l-aħjar break. Il-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni ntrebaħ minn Saviour Vella li għeleb 4-3 fil-finali lil George Gauci. Sam Sultana spiċċa t-tielet, filwaqt li Loreto Spiteri rreġistra l-aħjar break.

Il-Kampjonat Plate, intrebaħ minn Shaun Attard li għeleb 4-2 lil Peter Bonello.

Il-Gozo Billiards and Snooker Club ilu jorganizza kompetizzjonijiet ta' din ix-xorta għal dawn l-aħħar snin, fejn kull sena jżomm l-appuntament mad-dilettanti għal kampjonati tas-Snooker u Billiards u kompetizzjonijiet oħra.

It-trofej lir-rebbieħa u lir-runners-up kienu ppreżenatati minn Dr Michael Caruana, President tas-Soċjetà Filarmonika Leone, li għamel ukoll diskors tal-okkażjoni. Il-pubbliku li attenda kien wieħed numeruż, xhieda tal-entużjażmu u l-appoġġ li jgawdi l-Gozo Billiards and Snooker Club fil-gżira Għawdxija.

Fil-preżent, il-Gozo Billiards and Snooker Club ta bidu għall-Kampjonati tal-Billiards u Snooker li huma tant mistennija mid-dilettanti tal-logħba. Ta' min iżid li dan il-Kampjonat huwa l-ikbar wieħed tax-xorta tiegħu f'Għawdex.

# RIŻULTATI, SEWWIEQA U

## Xahar ta' Kampjonati u Finali fil-Marsa

Proprju llum, is-Sibt, 31 ta' Marzu, fil-korsa tal-Marsa ssir l-ewwel tappa tal-Kampjonat internazzjonali tal-Mediterranean Horse Racing Union. Nagħtu l-isbaħ xewqat lis-sewwieq, Raymond Clifton, li se jħabbatha mar-rappreżentanti ta' pajjiżi oħra fil-Mediterran.

Għada, il-Ħadd, 1 ta' April, isiru l-finali tad-Dragonara Casino Tazza l-Kbira, l-aktar avveniment prestiġġjuż fit-trott, f'Malta.

Matul l-ewwel semi-finali, Nuage de Bourgogne u True Q, irreġistraw l-aħjar ħin tal-istaġun fuq 2,640m, ta' 1'15"0 fil-kilometru u, fit-tieni, Livi Cantona waqqaf ħin ieħor eċċellenti ta' 1'15"1.

Il-finalisti, li ntgħażlu minn heats u semi-finali fost l-aqwa żwiemel f'Malta, huma: Nuage de Bourgogne, True Q, Nabab du Chatelet, Onyx Speed, Mig of the Wood, Troy Boshoeve, Livi Cantona, Mystere d'Urfist, Nelson du Val, Ouest du Vivier, Arnie Sensation u Label Chouan.

Dawn huma żwiemel eċċellenti għal finali mill-aqwa. Min se jnaqqax ismu fuq din it-Tazza b'78 sena ta' storja?

Imbagħad, f'Ħadd il-Għid, 8 ta' April, ikollna l-finali tal-Condition Races fuq 2,140m għall-Klassijiet Gold, Silver, Bronze u Copper, li s-semi-finali tagħhom inżammu wkoll f'Marzu. Għaldaqstant mistennija sett ta' finali mill-aktar interessanti.

F'nofs April, jibdew il-Kampjonati U*Bet għaż-żwiemel tat-trott Svediżi wkoll fuq distanza ta' 2,140m. Jinżamm Kampjonat għal kull Klassi li fihom jipparteċipaw l-aqwa żwiemel Svediżi fostna.

Is-sewwieq tax-xahar ta' Frar kien Noel Baldacchino, grazzi għas-sitt rebħiet li rreġistra matul dak ix-xahar. Prosit tassew Noel.

Fi Frar, saret ukoll l-ewwel edizzjoni tal Malta Horse Racing Awards, serata mill-isbaħ, ippreseduta mis-Segretarju Parlamentari, Clyde Puli, li fiha ġew ippremjati l-protagonisti ewlenin ta' dan l-isport għall-2011.

Finalment, bi pjaċir ninnotaw ix-xogħlijiet li qed isiru biex jittejbu l-faċilitajiet għal dan l-isport, bħax-xogħol fuq it-tinda prinċipali u l-iżvilupp ta' Area 5 bħala faċilità ta' pparkjar ta' vetturi u trailers fejn jitniżżlu ż-żwiemel.

Nawguraw xahar mill-isbaħ għad-dilettanti tat-tiġrijiet taż-żwiemel.

### Tiġrijiet tal-Ħadd, 19 ta' Frar 2012

**Race 1 – (2140m) – Class Copper Autostart**
01. Mistral du Chene (Sandro Cutajar) – Ħin: 1'18"3
02. Trick The Lind (Noel Baldacchino)
03. Koehchel Baz (Joseph Tabone)

**Race 2 – (2140m) – Bronze Autostart**
01. Money Boy (Andrew Spiteri) – Ħin: 1'17"3
02. Purple Street (Redent Magro)
03. High Speed Night (Charles Camilleri)

**Race 3 – (2140m) – Class Premier Autostart**
01. Nec Carmolo (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'16"2
02. Nougat Voldeen (Oliver Briffa)
03. Candy Fantasy (Melvin Farrugia)

**Race 4 – (2140m) – Class Open B Autostart**
01. Prince Regent (Tony Demanuele) – Ħin: 1'17"0
02. Giant Game (Darren Mizzi)
03. Hawkear (Rodney Gatt)

**Race 5 – (2250) – Class A Flat Race**
01. Just The Best (Ramon Grima) – Ħin: 2'21"73
02. Ollie Fliptrik (Oliver Briffa)
03. Capital Hill (Demis Zammit)

**Race 6 – (2140m) – Class Bronze Autostart**
01. Noe de Loudat (Kevin Sciberras) – Ħin: 1'17"3
02. Mezio Josselyn (Victor Fenech)
03. Reslovs Pebben (Redent Magro)

**Race 7 – (2140m) – Class Premier Autostart**
01. None de Crouay (Melvin Farrugia) – Ħin: 1'14"8
02. Normand d'Oger (Cliferty Calleja)
03. Label Chouan (David Ellul)

**Race 8 – (2140m) – Class Open A Autostart**
01. Knockout Molar (Carl Caruana) – Ħin: 1'15"8
02. Count of Life (Charles Camilleri)
03. Zilver Boko (Tony Demanuele)

**Race 9 – (2140m) – Class Gold Autostart**
01. Master Lupin (Rodney Gatt) – Ħin: 1'16"6
02. Joble Lucky (Carl Caruana)
03. Dialect Af Prinfo (Redent Magro)

**Race 10 – (2140m) – Class Premier Autostart**
01. Nuage de Bourgogne (C. Camilleri) – Ħin: 1'14"9
02. Milord Barbes (Francis Cassar)
03. Arnie Sensation (Carmelo Farrugia)

**Race 11 – (2140m) – Class Bronze Autostart**
01. Marc du Bouit (Tony Demanuele) – Ħin: 1'18"1
02. Noli de Marray (Patrick Spiteri)
03. Vera L.H. (David Ellul)

### Tiġrijiet tal-Ħadd, 26 ta' Frar 2012

**Race 1 – (2140m) – Class Copper Autostart**
01. The Womanizer (Mario Farrugia) – Ħin: 1'19"3
02. Conrads Circle (Shaun Formosa)
03. Jibilo de Terme (Ramon Briffa)

**Race 2 – (2140m) – Class Silver Autostart**
01. Petrus du Vivier (Mark Desira) – Ħin: 1'17"2
02. Stanford Hornline (Anton Pace)
03. Family's Moonlight (Ivan Bilocca)

**Race 3 – (2140m) – Class Bronze Autostart**
01. Lorenz de Noyelles (Rodney Gatt) – Ħin: 1'18"1
02. Divinis (Charlie Magro)
03. King de Boudenay (Charles Camilleri)

**Race 4 – (2140m) – Class Copper Autostart**
01. Ballad Ribb (Tony Demanuele) – Ħin: 1'19"6
02. Emil Brebro (Charles Degiorgio)
03. Zut (Joe Schembri)

**Race 5 – (2140m) – Class Silver Autostart**
01. Lord of Rush (Ludvic Ghigo) – Ħin: 1'18"1
02. Kandy du Furitier (Clint Vassallo)
03. Kosal L.J. (Francis Cassar)

**Race 6 – (2140m) – Class Gold Autostart**
01. Matador Knick (Carmelo Farrugia) – Ħin: 1'18"3
02. Pirate d'Urzy (Eugenio Bondin)
03. Paradis du Lupin (Andre Farrugia)

**Race 7 – (2140m) – Class Silver Autostart**
01. Oviedo de Sam (Redent Magro) – Ħin: 1'17"4
02. Number One of Max (Tony Demanuele)
03. Nasdag du Closet (Andrew Farrugia)

**Race 8 – (2140m) – Class Gold Autostart**
01. Nicos de Peneme (Kevin Azzopardi) – Ħin: 1'17"4
02. Lime Casted (Charles Camilleri)
03. Hulot (Jason Vassallo)

**Race 9 – (2140m) – Class Silver Autostart**
01. Oscar Mati (Rodney Gatt) – Ħin: 1'15"8
02. Rambo Lambo (Claudio Refalo)
03. Never Better (Raymond Clifton)

**Race 10 – (2140m) – Class Gold Autostart**
01. Ouragan D'Any (France Gauci) – Ħin: 1'18"1
02. Lover Boy Index (Noel Baldacchino)
03. Vasterbo Hitchiker (Christian Vassallo)

**Race 11 – (2140m) – Class Silver Autostart**
01. Osiris des Kids (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'16"1
02. Schejken Bill (Julian Farrugia)
03. Norfolk de Gouerie (Cliferty Calleja)

### Tiġrijiet tal-Ħadd, 4 ta' Marzu 2012

**Race 1 – (2140m) – Class Copper Autostart**
01. What's Up (Michael Ellul) – Ħin: 1'15"7
02. Ideal de Suce (Charles Camilleri)
03. Miami de Coq (Joseph Agius)

**Race 2 – (2140m) – Class Bronze Autostart**
01. Noli de Marray (Patrick Spiteri) – Ħin: 1'16"8
02. Pretty Post (David Ellul)
03. Brokkur T.Y.C. (Peter Farrugia)

**Race 3 – (2140m) – Class Open Autostart**
01. Nuage de Bourgogne (C. Camilleri) – Ħin: 1'16"2
02. Belle Fratello (Anthony Spagnol)
03. Normand d'Oger (Cliferty Calleja)

**Race 4 – (2140m) – Class Open Autostart**
01. Nabab de Chatelet (Redent Magro) – Ħin: 1'16"7
02. Marathon Villers (Mario Fenech)
03. Mystere d'Urfist (Noel Baldacchino)

**Race 5 – (2140m) – Class Open Autostart**
01. Livi Cantona (Charles Camilleri) – Ħin: 1'16"9
02. Naxos de France (Michael Ellul)
03. Troy Bosheoeve (Salvu Vella)

**Race 6 – (2140m) – Class Open Autostart**
01. Arnie Sensation (Carmelo Farrugia) – Ħin: 1'16"6
02. Magic de Assigny (Julian Farrugia)
03. Nagano Phedo (Mario Fenech)







## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 9 ta' Marzu 2012

**Race 1 – (1640m) – Class Copper Autostart**
01. Jet Starline (Mario Fenech) – Ħin: 1'18"3
02. Rybo Patzie (Salvu Vella)
03. Mistral du Chene (Ronnie Galea)

**Race 2 – (1640m) – Class Bronze Autostart**
01. Robin Lou (Michael Ellul) – Ħin: 1'17"1
02. Mirage d'Ete (Noel Baldacchino)
03. Belbroughton Road (Carl Caruana)

**Race 3 – (1640m) – Class Silver Autostart**
01. Petrus du Vivier (Mark Desira) – Ħin: 1'16"0
02. Prince de Mouter (Raymond Schembri)
03. Ygor of Pass (Charles Camilleri)

**Race 4 – (1250m) – Class A Flat Race**
01. Fyelehk (Michael Sultana) – Ħin: 1'12"76
02. Darielli (Ramon Grima)
03. Cheeky Jack (Charles Vella)

**Race 5 – (1640m) – Class Silver Autostart**
01. Galileo Bisa (Christian Xerri) – Ħin: 1'17"0
02. Stonecreek (Etienne Mallia)
03. Simb Groovy (Alistair Azzopardi)

**Race 6 – (1640m) – Class Bronze Autostart**
01. Meadow Dancer (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'17"1
02. Mr King (France Tanti)
03. Divinis (Charlie Magro)

**Race 7 – (1640m) – Class Silver Autostart**
01. Must du Buisson (Cliferty Calleja) – Ħin: 1'16"7
02. Darco As (Kent P. Gustavsson)
03. L'Ideal e Fersan (Carl Caruana)

**Race 8 – (1640m) – Class Silver Autostart**
01. Landl Breton (Nicholas Bonello) – Ħin: 1'16"8
02. Onwards Star (James Carabott)
03. Nympheta de Bisoir (J. Farrugia)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 11 ta' Marzu 2012

**Race 1 – (1640m) – Class Copper Autostart**
01. Klokkeblomst (Rodney Gatt) – Ħin: 1'18"3
02. Pronto du Lys (James Carabott)
03. The Womanizer (Mario Farrugia)

**Race 2 – (1640m) – Class Gold Autostart**
01. Osiris des Kids (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'14"7
02. Oviedo Du Sam (Redent Magro)
03. Okir de Leau (Brian Hili)

**Race 3 – (1640m) – Class Bronze Autostart**
01. Olympic Swing (Rodney Gatt) – Ħin: 1'18"3
02. Rally Simb (James Briffa)
03. Lulu la Science (Carmle Cauchi)

**Race 4 – (1640m) – Class Gold Autostart**
01. Zilver Boko (Tony Demanuele) – Ħin: 1'16"4
02. Pirate d'Urzy (Eugenio Bondin)
03. Lys des Etroits (Joe Debattista)

**Race 5 – (1640m) – Class Silver Autostart**
01. Stainless Steel (C. Camilleri) – Ħin: 1'16"4
02. Giant Game (Darren Mizzi)
03. Kandy du Fruitier (Noel Baldacchino)

**Race 6 – (1640m) – Class Gold Autostart**
01. She's Dreamlike (Julian Farrugia) – Ħin: 1'15"9
02. Touch The Diamond (David Ellul)
03. Reado November (Shaun Portelli)

**Race 7 – (1640m) – Class Gold Autostart**
01. Le Bolide du Suret (Melvin Farrugia) – Ħin: 1'16"9
02. Figaro A. West (Charles Camilleri)
03. Marini du Mont (Salvu Vella)

**Race 8 – (1640m) – Class Silver Autostart**
01. Lonestar Somolli (Brian Zammit) – Ħin: 1'16"4
02. Tonado Hornline (Charles Camilleri)
03. Biggest Wish (Julian Farrugia)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 18 ta' Marzu 2012

**Race 1 – (2140m) – Class Bronze Autostart**
01. Ackaturbo (Shaun Portelli) – Ħin: 1'16"4
02. Hickory Crown (Salvatore Cutajar)
03. The Womanizer (Mario Farrugia)

**Race 2 – (2140m) – Class Bronze Autostart**
01. It's May Way (Brian Hili) – Ħin: 1'17"0
02. Belbroughton Road (Carl Caruana)
03. Nolan Streamline (Andy Mifsud)

**Race 3 – (1750m) – Class A Flat Race**
01. Cheeky Jack (Charles Vella) – Ħin: 1'46"79
02. Fyelehk (Michael Sultana)
03. Timolin (Ramon Grima)

**Race 4 – (2140m) – Class Gold Autostart**
01. Zilver Boko (Tony Demanuele) – Ħin: 1'15"7
02. Figaro A. West (Charles Camilleri)
03. Knockout Molar (Carl Caruana)

**Race 5 – (2140m) – Class Bronze Autostart**
01. Lorenz de Novelles (Raymond Clifton) – Ħin: 1'17"8
02. Lazume Simoni (Noel Baldacchino)
03. Divinis (Charlie Magro)

**Race 6 – (2140m) – Class Gold Autostart**
01. Oscar de la Vallee (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'16"2
02. Imbra d'Alfa (Rodney Gatt)
03. Mint Spirit (Frank Portelli)

**Race 7 – (2140m) – Class Open Autostart**
01. Nuage de Bourgogne (C. Camilleri) – Ħin: 1'15"0
02. True Q. (Shaun Portelli)
03. Nabab du Chatelet (Redent Magro)

**Race 8 – (2140m) – Class Bronze Autostart**
01. Robin Lou (Michael Ellul) – Ħin: 1'17"5
02. Mr King (France Tanti)
03. King Boy du Dane (Alan Debono)

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 19 ta' Marzu 2012

**Race 1 – (2140m) – Class Silver Autostart**
04. Money Boy (Andrew Spiteri) – Ħin: 1'17"4
05. Meadow Dancer (Noel Baldacchino)
06. Phenix d'Or (Alex Farrugia)

**Race 2 – (2140m) – Class Silver Autostart**
01. Oregon de la Foret (A. Schembri) – Ħin: 1'16"9
02. Eastwick (Shaun Portelli)
03. Conmore Toll (Michael Ghigo)

**Race 3 – (1750m) – Class B Flat Race**
01. Sleepwalking (Demis Zammit) – Ħin: 1'50"85
02. Etoile du Pic (Michael Sultana)
03. Friarscourt (Eric Zammit)

**Race 4 – (2140m) – Class Gold Autostart**
01. Nicos de Peneme (C. Camilleri) – Ħin: 1'15"0
02. Lime Casted (Julian Farrugia)
03. Matador Knick (Carmelo Farrugia)

**Race 5 – (2140m) – Class Silver Autostart**
01. Lonestar Somolli (Brian Zammit) – Ħin: 1'16"3
02. Onwards Star (James Carabott)
03. Cross Country FC (Marco Debono)

**Race 6 – (2140m) – Class Gold Autostart**
01. Oscar Mati (Rodney Gatt) – Ħin: 1'15"2
02. Peasant Gallant (Shaun Portelli)
03. Global Hunt (Jason Vassallo)

**Race 7 – (2140m) – Class Open Autostart**
01. Livi Cantona (Charles Camilleri) – Ħin:1'15'1
02. Mystere d'Urfist (Noel Baldacchino)
03. Nelson du Val (Salvatore Cutajar)

**Race 8 – (2140m) – Class Gold Autostart**
01. Oviedo du Sam (Redent Magro) – Ħin: 1'15"8
02. Galileo Bisa (Christian Xerri)
03. Novak (Brian Hili)



## Kampjonati Ewropej U/21 - Bulgarija 2012

# Riżultat prestiġjuż miż-żgħażagħ Maltin

### - **Aaron Busuttil** jinqala' mill-Aħħar 16
### - **Brian Cini** jagħmel break ta' 71


Brian Cini


Aaron Busuttil

**Iż-żgħażagħ Maltin li ħadu sehem fil-Kampjonati Ewropej U/21 tas-Snooker, fil-Bulgarija, kisbu riżultati prestiġjużi hekk kif erbgħa, mill-ħames plejers, irnexxielhom jgħaddu mill-istadju tal-gruppi u jikkwalifikaw għall-Fażi Eiminatorja.**

L-Iskoċċiż, Michael Leslie, irnexxielu jegħleb lill-Ingliż Shane Castle, 6-2, fil-final biex b'hekk mill-istaġun li ġej jingħaqad mal-*World Professional Snooker* bħala plejer professjonali.

Aaron Busuttil, sar il ħames plejer Malti li rnexxielu jasal mal-Aħħar 16. Minn Grupp E, Busuttil irnexxielu jirbaħ tliet logħbiet u tilef tnejn biex spiċċa fit-tielet post b'10 frames favur u 8 kontra. Busuttil beda b'żewġ telfiet iżda, b'mod gradwali, huwa beda jirkupra biex finalment għadda għall-Fażi Eliminatorja.

Huwa beda b'logħba preliminari mal-Aħħar 48 fejn irnexxielu jegħleb lil Vergil Mavrodiev tal-Bulgarija, 3-0. Fir-rawnd tal-Aħħar 32, Aaron Busuttil rebaħ logħba kumbattuta kontra Dale Lawrence ta' Wales bi *frame score* ta' 4-3 biex finalment ġie megħlub 2-4 kontra plejer ieħor minn Wales, Jamie Clark, fl-Aħħar 16. B'kollox, Busuttil rebaħ 19-il frame u tilef 15. L-aħjar breaks ta' Busuttil kienu ta' 68, 66, 58, 51 u 50.

Peress li kemm Mathew Calleja u kemm Brian Cini kellhom prestazzjoni tajba ħafna fil-Fażi tal-Gruppi, huma irnexxielhom jikkwaliifkaw direttament mal-Aħħar 32 mingħajr ma kellhom bżonn jilagħbu mal-Aħħar 48.

Mathew Calleja kien f'burdata eċċezzjonali meta, minn Grupp F, huwa rebaħ erba' logħbiet u tilef waħda biss biex spiċċa fit-tieni post tal-grupp tiegħu. F'din il-fażi huwa rebaħ 13-il frame u tilef erbgħa biss. Ir-rebħiet ta' Calleja saru kontra Dimitar Mehandzhiyski tal-Bulgarija 3-0, Yannick Tarillon ta' Franza 3-0, il-plejer popolari Ruberg Schachar ta' Iżrael 3-1 u Olli Pekka Virho tal-Finlandja 3-0. Kif għedna, Calleja għadda mil-ewwel fl-Aħħar 32 biex finalment ġie megħlub mill-plejer Awstrijak, Andreas Ploner, bi *frame score* ta' 2-4. B'kollox Calleja rebaħ 15-il frame u tilef tmienja biss. L-aħjar breaks ta' Calleja kienu ta' 60, 56 u 54.

Brian Cini li ta' 15-il sena kien l-iżgħar plejer fost il-plejers Maltin, kellu prestazzjoni mill-aqwa meta minn Grupp C, huwa rebaħ mhux anqas minn ħames logħbiet u tilef waħda biss biex ukoll spiċċa fit-tieni post tal-grupp tiegħu minn total ta' seba' plejers. Cini rebaħ l-aktar numru ta' logħbiet fost il-plejers Maltin f'din il-fażi. Ir-rebħiet ta' Cini ġew kontra l-Bulgaru Teodor Chomovski 3-0, il-plejer popolari Adam Stefanov tal-Polonja 3-1, Bellan Sharif tal-Isvezja 3-0, Tin Venos tal-Kroazja 3-0 u kontra Tudor Popesku tar-Rumanija 3-0.

Fil-Fażi tal-Gruppi, Cini rebaħ 16-il frame u tilef sitta. Cini għadda direttament mal-Aħħar 32 fejn tilef 0-4 kontra Duane Jones minn Wales. B'kollox, Brian Cini rebaħ 16-il frame u tilef 10. L-aħjar breaks ta' Cini kienu ta' 71 (li kien l-ogħla break fost il-plejers Maltin) u 50.

Chris Peplow kellu jistenna sal-aħħar logħba tiegħu minn Grupp K biex sar jaf li spiċċa fir-raba' post tal-grupp tiegħu u għalhekk għadda għall-Fażi Elimintorja. Huwa rebaħ żewġ logħbiet

kontra l-Franċiż, Nathanael Bechrich 3-1 u Yana Shut tal-Belarus 3-0, għalkemm kien sfortunat li tilef 2-3 bi *black to win* kontra l-Pollakk, Karol Szuba-Jablowski. Peplow rebaħ disa' frames fil-Fażi tal-Gruppi u tilef 10. Huwa kellu jilgħab fir-rawnd tal-Aħħar 48 fejn tilef 1-3 kontra l-plejer mill-Irlanda ta' Fuq Declan Brennan, għalhekk b'kollox Peplow rebaħ 10 frames u tilef 13.

Iċ-Champion Malti tal-U/21, Wayne Pace, fi Grupp J, forsi kien xi ftit diżappuntanti għalkemm wieħed irid jgħid li kien fi grupp ferm diffiċli. Huwa rebaħ logħba waħda u tilef erbgħa biex spiċċa fil-ħames post tal-grupp u għalhekk kien l-uniku plejer Malti li ma kkwalifikax għall-Fażi Eliminatorja. Ir-rebħa waslet kontra l-plejer mir-Rumanija bi *frame score* ta' 3-2 u kien sfortunat li tilef kontra, Lukas Kleckers, tal-Germanja 2-3.

Kollox ma' kollox, kolletivament konna l-ħames l-aqwa pajjiż, mis-26 pajjiż Ewropej, li huwa riżultat prestiġjuż ħafna.

Kif marru l-aħjar 10 pajjiżi mis-26 li ħadu sehem kolletivament:

1) Skozja
2) Ingilterra
3) Polonja
4) Wales
5) Malta
6) Bulgarija
7) Irlanda
8) Awstrija
9) Ġermanja
10) Franza

Il-lista tinkludi riżultati ta' mhux aktar mill-aħjar erba' plejers minn kull pajjiż.

minn Vincent Pisani



# Pool

## Eight Ball Pool European Team Championships - Irlanda 2012

# Malta megħluba fis-semi-finali

**It-tim nazzjonali Malti kiseb riżultat ferm sodisfaċenti meta fil-Kampjonati Ewropej tal-Eight Ball Pool ġie megħlub 6-8 kontra l-Irlanda li spiċċaw champions meta fil-final għelbu lill-Irlanda 8-7.**

Fl-istadju tal-grupp li ntlagħab fil-fażi ta' *round-robin*, Malta rebħet sitt logħbiet u tilfet waħda biss biex spiċċajna fit-tieni post.

Ir-rebħiet waslu kontra l-Belġju 9-6, Skozja 8-7, Irlanda ta' Fuq 11-4, Franza 9-6, Wales 8-7 u Irlanda 8-7 filwaqt li tlifna logħba waħda kontra l-Ingilterra 7-8.

L-aħjar plejers fit-tim nazzjonali Malti kienu, bla dubju ta' xejn, Clint Azzopardi u Mario Brincat. Iż-żewġ plejers rebħu 13-il frame minn total ta' 21 biex spiċċaw jaqsmu l-ħames post fil-lista ta' l-aqwa plejers Ewropej.

Maverick Zammit ukoll kellu prestazzjoni tajba meta minn total ta' 20 frame li lagħab, huwa rebaħ 12 biex ġie kklassifikat fil-11-il post fil-lista tal-aqwa plejers. Ir-raba' l-aqwa plejer Malti kien Johann Attard li minn total ta' 21 frame, huwa rebaħ 11 biex ukoll ġie kklassifikat fis-16-il post fil-lista Ewropea.



*Clint Azzopardi u Mario Brincat*

## Eight Ball Pool European Individwali Championships - Irlanda 2012

## Minn total ta' 149 plejer parteċipanti ...

# Clint Azzopardi jinqala' fil-kwarti -finali

**Clint Azzopardi kien f'burdata mill-aqwa meta mhux biss kien strumentali fit-tim nazzjonali Malti li wasal sas-semi-finali, imma wkoll irnexxielu jasal sal-kwarti-finali fil-Kampjonat Individwali Ewropej minn total ta' 149 plejers.**

Azzopardi beda b'rebħa ta' 6-1 kontra l-Irlandiż, Rod Clifford, fir-rawnd tal-Aħħar 128 biex fir-rawnd sussegwenti huwa elimina lil John McMahon tal-Irlanda wkoll bl-iskor ta' 6-3.
Fir-rawnd tal-Aħħar 32, Clint Azzopardi elimina lill-Ingliż, Nigel Clarke, 6-1 biex wara għeleb lil plejer Ingliż ieħor, Neil Toms, 6-1 ukoll.

Clint Azzopardi ġie eliminat 3-7 fil-kwarti-finali mill-Ingliż, Jack Pope, li kopmla għaddej biex rebaħ dawn il-Kampjonati Ewropej meta fil-final huwa għeleb lil Ben Flack 8-3. Azzopardi ħa premju ta' £400.

Plejer ieħor li mar tajjeb fl-individwali kien Mario Brincat fejn irnexxielu jasal mal-Aħħar 16. Huwa ġie eliminat minn, Jack Pope, l-istess plejer li elimina lil Azzopardi. Din id-darba Brincat tilef 1-6.

## Paġni mill-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja

# It-Tiġrija tal-Vitorja (1990-1999) ... It-Tieni Parti

Fil-bidu tas-snin 90, tkompla x-xogħol fuq l-ewwel fażi tal-estensjoni u twessigħ tal-mollijiet tal-Kurċifiss. Sfortunatament dan it-twessigħ tal-mollijiet kellu mpatt qawwi fuq ir-Regatta Nazzjonali, peress li ġew estiżi għal fuq il-baħar u konsegwentament il-kanal djieq b'tali mod li ma kienx fadal l-ispazju biżżejjed biex jospita l-massimu ta' tnax il-opra f'kull korsa.

Iffaċċjata b'din il-problema prekarja li setgħet tipperikola l-ġejjieni tat-Tiġrija tal-Vitorja fil-Port il-Kbir, l-Assoċjazzjoni tar-Regatta sejħet laqgħa urġenti għad-delegati tal-klabbs tar-Regatta u magħhom iddiskutiet din is-sitwazzjoni. Jingħad li f'din il-laqgħa d-delegati ddiskutew diversi punti importanti relatati mar-Regatta Nazzjonali, fosthom il-parteċipazzjoni tal-klabbs b'opra waħda f'kull korsa u l-problema li kienet se toħloq din il-miżura fejn nofs il-qaddiefa kienu se jitilfu posthom fit-tiġrija. Jingħad li din il-laqgħa kienet imqanqla ħafna!

Kien hemm delegati li ħassuhom urtati ħafna li l-klabbs tar-Regatta ma ġewx ikkonsultati qabel mill-Għaqda tar-Regatta, u kien hemm oħrajn li kellhom dubji kbar, jekk din il-miżura kinitx torbot magħha l-ġejjieni tat-Tiġrija tat-8 ta' Settembru fil-Port il-Kbir, l-aktar iċ-ċaqliq tagħha mill-kanal attwali. Ovvjament, il-problema tad-dħul u l-ħruġ tal-bastimenti tat-turisti fil-Port il-Kbir, f'Jum il-Vitorja, beda jħasseb ħafna lid-delegati tal-klabbs, tant hu hekk, li ħafna minnhom bdew jqisuha bħala theddida serja għall-eżistenza u t-tkomplija ta' din id-drawwa antika fil-port - problema li litteralment qatt ma eżistiet qabel, lanqas meta l-Port il-Kbir kien ikun miżgħud bil-bastimenti tal-flotta Ingliża.

Waqt li d-diriġenti ta' l-Assoċjazzjoni tar-Regatta assigurawhom diversi drabi li la l-gvern u wisq aktar l-organizzaturi ma kellhom l-ebda ħsieb li jittrasferixxu l-kanal tar-Regatta għal post ieħor, huma saħqu wkoll li l-għajdut li kien qed jingħad min xi wħud kien qed jagħmel ħafna ħsara lill-Għaqda tar-Regatta.

B'danakollu huma ammettew li l-estensjoni tal-mollijiet fil-Port il-Kbir ħolqot problema kbira ta' spazju



*Telqu! It-tluq tat-tiġrija tal-Frejgatini minn Ras-Ħanżir, fl-1992*

għall-opri tat-tiġrija fir-Regatta, u biex dawn it-tiġrijiet jibqgħu jsiru fil-kanal eżistenti - minn Ras Ħanżir sad-Dwana l-Qadima, kien meħtieġ li l-kumitati distrettwali jaċċettaw din is-sitwazzjoni, u għall-ġid tar-Regatta jaċċettaw ukoll li minn din l-edizzjoni (1991) jibdew jipparteċipaw b'opra waħda f'kull korsa. Rigward il-futur tat-Tiġrija tal-Vitorja, ir-rappreżentanti tal-klabbs qablu unimament li jekk maż-żmien, minħabba xi esiġenzi li jistgħu jinqalgħu, ir-Regatta Nazzjonali titneħħa mill-Port il-Kbir, din it-tradizzjoni titlef is-sinifikat folkloristiku u storiku tagħha.

Sfortunatament, il-bidla fis-sistema ta' parteċipazzjoni b'opra waħda f'kull tiġrija kienet tfisser li għadd ġmielu ta' qaddiefa kienu se jitilfu posthom. Biex tagħmel tajjeb għal dan in nuqqas, l Assoċjazzjoni tar-Regatta ssuġġeriet li jiġu ntrodotti tiġrijiet oħra li ma jkunux jgħoddu għar-rebħ ta' l-Aggregate Shield.

Fil-fatt, fl-edizzjoni 1991, ġew introdotti żewġ tiġrijiet għaż-żgħażagħ, waħda tad-dgħajjes tal-Midalji għall-qaddiefa Taħt il-21 sena li fiha ipparteċipaw tliet distretti biss - l-Isla, il-Kalkara u l-Birgu, u l-oħra kienet tad-dgħajjes tal-Pass b'erbat Imqadef għall-qaddiefa taħt il-25 sena li fiha ħadu sehem l-Isla, il-Birgu u Marsamxett/Valletta.

Kif kien mistenni, id-deċiżjoni li titnaqqas opra f'kull korsa ġabet magħha reazzjoni kbira mill-partitarji tal-klabbs tar-Regatta. Id-dubju li l-estensjonijiet tal-mollijiet f'Xatt Lascaris setgħet b'xi mod twassal biex it-Tiġrija tal-Vitorja ma tibqax issir fil-kanal eżistenti tagħha beda jberren f'moħħ ħafna dilettanti. Ħafna minnhom kienu jafu li fil-Port il-Kbir ma kienx hemm spazji kbar biżżejjed biex fihom jinħoloq kanal ieħor biex fih iġerru d-dgħajjes tat-tiġrija, għajr dak ta' Dockyard Creek.

F'dan il-kanal, mid-dwana sal-Maċina, ta' kull sena, f'nhar 31 ta' Marzu, issir t-Tiġrija ta' Jum Ħelsien u fiha kull distrett jipparteċipa b'opra waħda. U hawn it-tħassib kompla kiber, meta ftakru li din it-tiġrija aktarx kienet mhedda wkoll minħabba li din id-daħla kennija kienet ġiet proposta bħala l-aktar post ideali fil-Port il-Kbir biex fiha ssir Yacht Marina. Ovvjament id-daħliet tal-Kalkara u ta' l-Irnella ma kinux addattati għat-tiġrijiet tad-dgħajjes għax m'hemmx tul biżżejjed, waqt li fid-daħla tal-Franċiżi (French Creek) kien hemm it-Tarzna.

Kien hemm min ħaseb li t-tiġrija setgħet tibda ssir fil-Port ta' Marsamxett, imma xi barklori sostnew li dan il-port kien miftuħ ħafna u bla ilqugħ. Fl-imgħoddi, f'dan il-port kienu jsiru xi tiġrijiet tal-Frejgatini u Dgħajjes, iżda dawn kienu jsiru fid-daħla tal-Imsida, fejn illum hemm il-Yacht Marina u fil-bajja



minn Joseph Serracino




*Il-captain Bormliż, Mario Azzopardi, merfugħ fuq l-idejn wara r-rebħ tax-Shield, fl-1990*

ta' San Ġiljan. Sa ftit tas-snin ilu f'dan il-port kienu jsiru regolarment it-tiġrijiet tal-Giggijiet - tiġrijiet li bħal dawk tal-Frejgatini tal-Qlugħ kienu jqanqlu ċertu interess fost dawk li jħobbu t-tlielaq ta' l-opri tal-baħar. Qaddiefa li kienu jieħdu sehem f'dawn it-tiġrijiet isostnu li dan il-port mhux ideali biex fih isiru t-tiġrijiet tad-dgħajjes għax l-irjieħ u l-kurrenti kbar li jaħkmuh tul is-sena kollha kien iħabbathom ħafna.

Ironikament, nasal biex ngħid li ħafna minn dawn id-dilettanti, speċjalment l-anzjani, insew li fis-snin 50 u 60 fil-Port il-Kbir kienu jsiru t-tiġrijiet tal-Wejliet, u għalhekk, jekk allaħares qatt din il-kwistjoni terġa' tinqala' u ssib ruħha fuq l-aġenda ta' l-Assoċjazzjoni tar-Regatta, naħseb li jkun wasal iż-żmien li wieħed jikkunsidra waħda minn dawn iż-żewġ għażliet.

L-ewwel għażla hi, li l-kanal tar-Regatta jibda minn taħt il-Pont ta' Ras Ħanżir, jiġifieri jersaq aktar lejn Parlatorio Wharf (taħt Kordin) - allura l-kanal se jkun aktar wiesa' li jkun jista' jospita aktar opri f'kull korsa. Sintendi l-bagi li jagħlqu l-kanal jersqu aktar qrib il-moll tal-Ponta tal-Isla, u matul it-tiġrija ma titħalla l-ebda opra tal-baħar taqbeż 'il ġewwa mill-gavitell tal-Ponta. Peress li d-dħul ikun xi ftit angolat, kull riżultat uffiċjali jiġi determinat permezz tal-*Photo Finish*.

It-tieni għażla hi, li t-tiġrijiet tad-dgħajjes jibdew isiru fil-kanal mill-*Break Water* sad-Dwana. Peress li l-kanal hu aktar wiesa', kull distrett ikun jista' jipparteċipa b'żewġ opri, b'hekk ir-Regatta tkun aktar akkanita u l-ħin jonqos bin-nofs. Hawnhekk ukoll din l-għażla hemm marbuta magħha deċiżjoni iebsa! L-Assoċjazzjoni tar-Regatta u d-delegati tal-klabbs rridu jaslu fi ftehim li jeliminaw il-kategorija tar-Reserves u nerġgħu mmorru lura għal tiġrija waħda, li fil-fehma ta' ħafna dilettanti tkun aktar eċċitanti u tiġbed aktar spettaturi.

Issa ejjew nħallu fil-ġenb il-kwistjoni tal-kanal u nkomplu nitkellmu dwar ir-reazzjoni tal-dilettanti u l-ħabrieka tal-klabbs għat-tibdil tas-sistema tal-parteċipazzjoni tagħhom fir-Regatta. Ovvjament kull tibdil ġdid, tajjeb kemm tajjeb, iġib miegħu ħafna argumenti, kif fil-fatt ġara fost il-partitarji tad-distretti li ħafna minnhom ħaduha ħafna bi kbira għax ħasbu li b'din il-miżura r-Regatta kienet se titlef il-kompettività tagħha.

Kien hemm min beża' li l-klabbs iż-żgħar, issa aktar minn qabel, b'opra waħda ma kienx se jkollhom ċans li jirbħu palju tal-korsi l-kbar u għalhekk maż-żmien kien ikollhom iżarmaw. Waqt li l-parti kbira tal-partitarji kienu jemmnu li d-deċiżjoni mgħaġġla meħuda mill-Assoċjazzjoni kienet dgħajfet ħafna l-bilanċ fost id-distretti parteċipanti kien hemm oħrajn li ħassbuha l-kuntrarju. Il-Malti jgħid mitt bniedem mitt fehma! Kif jiġri dejjem, xi kultant issib min hu pessimist ħafna bħal dawn iż-żewġ dilettanti Marsin li kkummentaw hekk: l-ewwel wieħed saħaq li '*... in-nuqqas ta' żewġ dgħajjes f'kull korsa, it-tiġrija tad-dgħajjes kienet se ttellef is-sabiħ, l-eċċitament u l-briju kbir li jqanqlu dawn it-tiġrijiet, b'mod speċjali l-aħħar tiġrija li normalment tkun waħda deċiżiva...*'

It-tieni wieħed kien aktar pessimist min sieħbu meta sostna: '*... li r-Regatta kienet se tmut mewta naturali...*'

Madanakollu kien hemm dilettant Ġirbi, anke jekk fil-fatt ma qabilx mad-deċiżjoni li ħadet l-Assoċjazzjoni tar-Regatta kien pożittiv ħafna fil-ħsibijiet tiegħu: '*...fiċ-ċirkustanzi li ninsabu fihom, fejn qegħdin isiru xogħlijiet infrastrutturali fil-mollijiet tal-Port il-Kbir biex nattiraw aktar turisti lejn pajjiżna permezz tal-Cruise Liners ... din hi r-realtà li jaf biha kulħadd... ma naħsibx li l-amministrazzjoni tixtieq twaqqaf it-tiġrija, meta kulħadd jaf li r-Regatta hi attrazzjoni turistika ... jien naħseb li aħjar naċċettaw it-tnaqqis tal-opra f'kull korsa u r-Regatta tibqa' ssir fil-Port il-Kbir milli allaħares qatt, din it-tradizzjoni jkollha tieqaf għal xi snin bħalma ġara wara l-gwerra jew inkella tibda ssir f'xi bajja oħra...*'

Ironikament waqt li l-Għaqda tar-Regatta baqgħet issostni li b'din id-deċiżjoni t-tiġrijiet tad-dgħajjes kienu se jkunu aktar akkaniti u jkun hemm aktar bilanċ fost id-distretti, il-maġġoranza tad-dilettanti fehmuha l-kuntrarju.

Jingħad li kienu dilettanti li pprotestaw mal-kumitati distrettwali u akkużawhom li d-deċiżjoni jmisshom ħaduha wara li huma stħarrġu sewwa l-opinjoni tal-partitarji tagħhom. Oħrajn sostnew li din id-deċiżjoni ttieħdet bil-għaġġla ħafna mill-membri ta' Għaqda tar-Regatta, u li ħadd minnhom ma kien ikkunsidra x'impatt negattiv kien se jkollha fuq il-klabbs tar-Regatta.

Ovvjament din id-deċiżjoni ġabet magħha tgergir u rabja kbira mill-maġġoranza tal-ħabrieka li għal bosta snin iddedikaw ħinhom u ħajjithom biex jieħdu ħsieb l-armar u manutenzjoni tad-dgħajjes fl-klabbs tar-Regatta.

*ikompli f'ħarġa oħra*

ISLA | MARSA | MARSAMXETT | BORMLA | BIRGU | KALKARA | BIRŻEBUĠĠA

# Kampjonat 1955-56

# Il-leaders Sliema Wanderers isofru l-ewwel telfa

## Is-Seba' Ġurnata

**14-01-1956:**
**Rabat FC – Ħamrun Sp. FC 1-1**
**H.T 0-0**
**Skurjaw: R. Psaila (Ħ) 64' u P. Said (R) pen. 85'.**
**Referee: B.S.M Joseph Galea (R.M.A)**
**Linesman: J. Borg and Carmel Galea.**

*Rabat FC*: Bertu 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Joe Cilia, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Pawlu 'It-Tiger' Micallef, Charlie Zahra, Karmenu Xerri, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie Theuma, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

*Ħamrun Sp.* FC: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Frans Damato, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Carmelo 'Nene' Grech, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Effie Borg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Victor Grima, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila.

**15-01-1956:**
**Birkirkara FC – Hibernians FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Skorja: o.g E. Gili (B) 70'**
**Referee: Ken O' Connell**
**Linesmen: Edward Agius and Sam Baldwin**

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Frans Cassar, Tony Pandolfino, Norman Bell, Emmanuel 'Id-Dijju' Borg, Leli 'Likku' Saliba, Frans 'Lula' Bonnici, George Sclivagnotis, Eugenio Pace, John Gatt, J. Zammit.

*Hibernians FC:* Edwin Gili, Colin Tabone, Joe Grixti, Maurice Vella Borg, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Sonny Anastasi, Fredu Church, Turu Tabone, Charlie Schembri, Leli Sultana, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

1. Turu Tabone kien qed jagħmel id-debutt tiegħu ma' Hibernians. Huwa kien ġie akkwistat fis-sajf flimkien ma' Charlie Schembri mingħand il-ġirien Little Rainbows ta' Ħal Tarxien.

2. L-autogoal tal-goalkeeper Gili ġie kkaġunat wara li minn azzjoni ta' corner il-goalkeeper Pawlist ippanċja l-ballun fil-lasta tiegħu stess b'sorpriża għal kulħadd.

**21-01-1956:**
**Valletta FC – Sliema Wdrs. FC 2-1**
**H.T 2-1**
**Skurjaw: J. Xuereb (S) 20' u L. Pace (V) 22' u 37'.**
**Referee: Turu Lentini**
**Linesmen: Sam Baldwin u J. Borg**

*Valletta FC:* Pawlu Montebello, Joe Agius, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Twanny Mallia, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Żeppi Micallef, Silvio Rapinett, Leli 'Pesa' Pace, Frankie Zammit, Freddie 'Il-Waniż' Borg,

*Sliema Wdrs. FC*: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Tony Nicholl, Salvinu Schembri, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

1. Sliema Wanderers fallew l-ewwel punti f'dan il-kampjonat fl-aħħar partita tal-Ewwel Round. Sa qabel din il-partita huma kienu ġabru punti massimi minn sitt logħbiet. Ironikament din kienet l-aħħar rebħa ta' Valletta f'dan il-kampjonat meta minn issa sat-tmiem (jiġifieri tul it-Tieni Round kollu) kienu ħadu biss żewġ draws.

2. Għal Valletta irritorna Frankie Zammit li kien ilu nieqes mill-partita kontra Vittoriosa, tal-5 ta' Novembru, 1955, wara li kien weġġa'. Nieqes però kellhom lil Josie Urpani li kien weġġa' f'partita ta' ħbiberija mal-MFA XI U/20 fost il-ġimgħa.

3. Fi tmiem il-partita nqala' l-inkwiet bejn il-partitarji fejn kien hemm tfiegħ ta' ġebel, fliexken u injam. Kollox beda meta l-players ta' Valletta Żeppi Micallef, Silvio Rapinett u Jackie Grech marru jiċċelebraw ir-rebħa quddiem il-partitarji ta' Sliema biex jinkuhom. Dawn bdew iwaddbulhom il-ġebel u b'ritaljazzjoni l-partitarji Beltin qabżu l-barrikati u marru anke huma jwaddbu l-ġebel u l-fliexken fid-direzzjoni tal-partitarji Slimiżi.

**22-01-1956:**
**Floriana FC – Vittoriosa Stars FC 3-1**
**H.T 0-1**
**Skurjaw: F. Gatt (V) 25', Ż. Alamango (F) 49'u 61' u T. Cauchi (F) 76'.**
**Referee: Turu Lentini**
**Linesmen: Ron Maskell u Carmel Galea**

*Floriana FC:* Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Charlie 'Nossa' Brincat, Joe Cini, Roy Swift, Freddie Vella James, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Żarenu Alamango, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Vittoriosa Stars FC*: Godwin Cassar, Emmanuel Urpani, Agius, Buttigieg, Lino Zahra, Johnnie Darmanin, Ebejer, Ritchie Sultana, Frans Gatt, Twanny Sultana, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. Lolly Borg irritorna ma' Floriana fil-kampjonat wara li skonta sospensjoni twila. Il-player kien diġa' lagħab ma' Floriana fit-Tourney tal-Milied kontra Kinitzi tal-Ungerija. Minn din il-partita sa tmiem il-kampjonat, Floriana, li s'issa kienu ddiżappuntaw bis-sħiħ, ittrasformaw ruħhom fejn rebħu il-bqija tal-logħob kollu ħlief għal draw ta' 2-2 kontra Birkirkara.

2. Vittoriosa kellhom diversi players li kienu qed jilagħbu kontra l-ex team tagħhom. Fil-fatt Ċikku Xuereb, l-aħwa Ritchie u Twannie Sultana u Buttigieg kollha kienu libsu l-flokk Furjaniż fil-passat. Vittoriosa kellhom nieqes lil Leli Stivala li hu wkoll fil-passat kien player ta' Floriana.

*Klassifika*: Sliema Wdrs. FC 12-il pt.; Ħamrun Sp. FC u Valletta FC 9 pti.; Hibernians FC, Rabat FC u Floriana FC 6 pti.; Birkirkara FC u Vittoriosa Stars FC 4 pti.

*L-Aqwa Skorers*: S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 6 goals; T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 5 goals; C. Mattocks u J. Xuereb (Sliema Wdrs. FC) 4 goals; P. Said (Rabat FC); T. Cauchi (Floriana FC); G. Psaila u G. Jones (Ħamrun Sp. FC) 3 goals.

## It-Tmien Ġurnata

**28-01-1956:**
**Sliema Wdrs. FC – Rabat FC 2-1**
**H.T 1-1**
**Skurjaw: P. Said (R) 8', J. Xuereb (S) 32' u T. Nicholl (S) 78'.**
**Referee: Samuel Baldwin**
**Linesmen: George Degiorgio u Joe Genovese**

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Tony Nicholl, Salvinu Schembri, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Rabat FC:* Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Joe Cilia, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Pawlu 'It-Tiger' Micallef, Charlie Zahra, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie

Theuma, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

1. Seħħew protesti ħorox mill-players ta' Rabat fil-konfront tar-referee fl-okkażjoni tat-tieni goal ta' Sliema skorjat minn Tony Nicholl u anke fi tmiem il-partita fejn Joe Cilia deher jiġi kklamat u eskortat 'il barra mill-ground mill-Pulizija meta deher li ried iħebb għar-referee.

Fil-fatt il-players kollha Rabtin kienu pprotestaw mar-referee Samuel Baldwin meta sostnew li suppost ingħata penalty għal foul fuq il-player tagħhom Pawlu Said fuq in-naħa l-oħra. Said kien twaqqa' fil-*penalty-area* Slimiża u qala' daqqa ta' sieq mingħand Salvu Bonnici meta kien għadu fl-art imma r-referee Baldwin wara li kien ikkonsulta mal-linesman ordna free-kick favur is-Sliema minħabba li Said kien mess il-ballun b'idu qabel ma ġie ffawljat.

Mill-azzjoni tal-free-kick Tony Nicholl skorja dak li kellu jkun il-goal tar-rebħa Slimiża. Matul dawn il-protesti il-logħob baqa' wieqaf għal madwar għaxar minuti.

2. Fl-okkażjoni tal-goal ta' Tony Nicholl, id-difensur ta' Rabat FC Ruġġieru Spiteri deher ixejjer daqqa ta' sieq lejn Nicholl fejn tefgħu mal-art.

3. Joe Cilia kien ġie mmultat £2 u mwissi severament wara r-rimarki li għadda fil-konfront tar-referee Samuel Baldwin u anke minħabba li rrifjuta li jagħti ismu lir-referee.

4. Wara din il-partita r-Royal Navy ħabbret li ma kinetx ser tagħti aktar permess lir-referees li kienu fir-Royal Navy biex dawn jikkontrollaw partiti tal-kampjonat Malti. Fil-fatt sa tmiem il-kampjonat il-partiti kollha ġew ikkontrollati minn referees Maltin.

5. Rabat FC daħħlu protest quddiem l-MFA fejn talbu li l-partita terġa' tintlagħab minħabba li r-referee saffar tmiem il-partita qabel id-90 minuta kif ukoll minħabba li l-goal tar-rebħa ta' Sliema Wanderers kien irregolari. Il-protest ta' Rabat ma ġiex milqugħ fejn huma tilfu wkoll iż-żewġ liri depożitu.

6. Għal Sliema Wanderers il-goalkeeper regolari, Ray Cosby, kien nieqes minħabba li weġġa' idu.

7. Preżenti għal din il-partita kien hemm mijiet ta' partitarji ta' Valletta li telgħu apposta akkumpanjati bl-orkestra biex joqogħdu jkantaw u jgħajru lil Sliema Wanderers wara li ġimgħa qabel tawhom l-ewwel telfa fil-kampjonat.

**29-01-1956:**
**Birkirkara FC – Vittoriosa Stars FC 1-0**
**H.T 1-0**
**Skorja: F. Bonnici (B) 2'.**
**Referee: E. E. Hargreaves**
**Linesmen: Watty Gatt u Salvu Pirotta**

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Frans Cassar, Tony Pandolfino, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Leli 'Id-Dijju' Borg, Leli 'Likku' Saliba, Frans 'Lula' Bonnici, Stephen Samut Tagliaferro, J. Cassar, John Gatt, Pawlu Carbonaro.

*Vittoriosa Stars FC*: Godwin Cassar, Emmanuel Urpani, Agius, Bugeja, Johnnie Darmanin, Buttigieg, Lino Zahra, Ritchie Sultana, Frans Gatt, Twanny Sultana, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. Għal Birkirkara rritornaw Stephen Sammut Tagliaferro u Pawlu Carbonaro li kien ilhom neqsin minn Ottubru.

2. Skond il-ġurnal 'Leħen is-Sewwa' ir-referee Hargreaves beda ta' spiss jitfixkel favur min ikun saffar foul. Fil-fatt huwa spiss beda jiġri lejn il-penalty area tat-team li favur tiegħu jkun saffar il-foul meta kien ikun ovvju li dawn ser jixxuttjaw 'il fuq.




*Edwin Schembri ta' Valletta fl-azzjoni kontra Hamrun Spartans*

**04-02-1956:**
**Floriana FC – Hibernians FC 5-0**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: o.g J. Griscti (F) 33', P. Demanuele (F) 50', L. Borg (F) 54', P. Demanuele (F) 64' u J. Vella (F) 89'**
**Referee: Turu Lentini.**

*Floriana FC*: Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Charles 'Nossa' Brincat, Joe Cini, Roy Swift, Freddie Vella James, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Żarenu Alamango, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' *Demanuele.*

*Hibernians FC*: Edwin Gili, Colin Tabone, Joe Griscti, Maurice Vella Borg, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Sonny Anastasi, Turu Tabone, Fredu Church, Charlie 'Kinnie' Schembri, Leli Sultana, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

1. Lejn tmiem l-ewwel taqsima niżlet xita qawwija bis-silġ li ksiet il-wiċċ tal-ground għal xi mumenti b'tapit abjad ta' silġ.

**05-02-1956:**
**Ħamrun Sp. FC – Valletta FC 3-1**
**H.T 1-1**
**Skurjaw: Effie Borg (Ħ) 29', F. Zammit (V) 39' u G. Psaila (Ħ) 61' u 74'.**
**Referee: Salvu Pirotta.**

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Carmelo 'Nene' Grech, Armando Drago, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Effie Borg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Victor Grima, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila.

*Valletta FC*: Pawlu Montebello, Joe Agius, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Twanny Mallia, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Żeppi Micallef, Silvio Rapinett, Leli 'Pesa' Pace, Frankie Zammit, Freddie 'Il-Waniż' Borg.

1. Valletta lagħbu għal ħinijiet twal b'għaxar players meta, wara 25 minuta, il-player tagħhom Silvio Rapinett weġġa' irkopptu fejn kellu joħroġ mill-partita u jittieħed l-isptar.

2. L-aħħar telfa ta' Valletta kienet kontra l-istess Ħamrun Spartans fil-partita tal-ewwel round.

*Klassifika*: Sliema Wdrs. FC 14-il pt.; Ħamrun Sp. FC 11-il pt.; Valletta FC 9 pti.; Floriana FC 8 pti.; Birkirkara FC, Hibernians FC u Rabat FC 6 pti.; Vittoriosa Stars FC 4 pti.

*L-Aqwa Skorers*: S. Nicholl u T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 6 goals; J. Xuereb (Sliema Wdrs. FC) u G. Psaila (Ħamrun Sp. FC) 5 goals; C. Mattocks (Sliema Wdrs. FC) 4 goals.


*Jenson Button jillidja l-Grand Prix tal-Awstralja*

# Button u Alonso jirbħu l-ewwel żewġ Grand Prix tas-sena


*Jenson Button fl-azzjoni fil-Grand Prix tal-Awstralja*


*Fernando Alonso jillidja l-Grand Prix tal-Malasja*

## Riżultati tal-GP tal-Awstralja
### 18.03.2012 - Albert Park, Melbourne

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Jenson Button (Britannja) McLaren | 1:34:09.565 |
| 2. | Sebastian Vettel (Ġermanja) RedBull | +00:02.139 |
| 3. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 00:04.075 |
| 4. | Mark Webber (Awstralja) RedBull | 00:04.547 |
| 5. | Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 00:21.565 |
| 6. | Kamui Kobayashi (Ġappun) Sauber | 00:36.766 |
| 7. | Kimi Raikkonen (Finlandja) Lotus | 00:38.014 |
| 8. | Sergio Perez (Messiku) Sauber | 00:39.458 |
| 9. | Daniel Ricciardo (Awstralja) Toro Rosso | 00:39.556 |
| 10. | Paul Di Resta (Britannja) Force India | 00:39.737 |
| 11. | Jean-Eric Vergne (Franza) Toro Rosso | 00:39.848 |
| 12. | Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 00:57.642 |
| 13. | Pastor Maldonado (Venezwela) Williams | 1 lap |
| 14. | Timo Glock (Ġermanja) Marussia | 1 lap |
| 15. | Charles Pic (Franza) Marussia | 5 laps |
| 16. | Bruno Senna (Brażil) Williams | 6 laps |
| **Iritraw** | | |
| | Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 12 laps |
| | Heikki Kovalainen (Finlandja) Caterham | 20 laps |
| | Vitaly Petrov (Russja) Caterham | 24 laps |
| | Michael Schumacher (Ġermanja) Mercedes | 48 laps |
| | Romain Grosjean (Franza) Lotus | 57 laps |
| | Nico Huelkenberg (Ġermanja) Force India | 58 laps |




*Is-sewwieq kollha li se jkunu l-protagonisti fil-Kampjonat tal-Formula 1 ta' din is-sena - Wara - Pastor Maldonado (Venezwela) u Bruno Senna (Brażil) tal-Williams; Paul di Resta (Britannja) u Nico Hulkenberg (Ġermanja) tal-Force India; Pedro de la Rosa (Spanja) u Narain Karthikeyan (Indja) tal-HRT; Marussia drivers Timo Glock (Ġermanja) u Charles Pic (Franza) tal-Marussia - Fin-nofs - Heikki Kovalainen (Finlandja) u Vitaly Petrov (Russja) tal-Caterham; Daniel Ricciardo (Awstralja) u Jean-Eric Vergne (Franza) tat-Toro Rosso; Kamui Kobayashi (Ġappun) u Sergio Perez (Messiku) tas-Sauber) - Quddiem - Nico Rosberg (Ġermanja) u Michael Schumacher (Ġermanja) tal-Mercedes; Felipe Massa (Brażil) u Fernando Alonso (Spanja) tal-Ferrari; Mark Webber (Awstralja) u Sebastian Vettel (Ġermanja) tar-Red Bull; Jenson Button (Britannja) u Lewis Hamilton (Britannja) tal-McLaren; Kimi Raikkonen (Finlandja) u Romain Grosjean (Franza) tal-Lotus F1*

## Riżultati tal-GP tal-Malasja
### 15.03.2012 - Sepang

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 2:44:51.812 |
| 2. | Sergio Perez (Messiku) Sauber | +00:02.263 |
| 3. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 00:14.591 |
| 4. | Mark Webber (Awstralja) RedBull | 00:17.688 |
| 5. | Kimi Raikkonen (Finlandja) Lotus | 00:29.456 |
| 6. | Bruno Senna (Brażil) Williams - Renault | 00:37.667 |
| 7. | Paul Di Resta (Britannja) Force India | 00:44.412 |
| 8. | Jean-Eric Vergne (Franza) Toro Rosso | 00:46.985 |
| 9. | Nico Huelkenberg (Ġermanja) Force India | 00:47.892 |
| 10. | Michael Schumacher (Ġermanja) Mercedes | 00:49.996 |
| 11. | Sebastian Vettel (Ġermanja) RedBull | 01:15.527 |
| 12. | Daniel Ricciardo (Awstralja) Toro Rosso | 01:16.828 |
| 13. | Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 01:18.593 |
| 14. | Jenson Button (Britannja) McLaren | 01:19.719 |
| 15. | Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 01:37.319 |
| 16. | Vitaly Petrov (Russja) Caterham | 1 lap |
| 17. | Timo Glock (Ġermanja) Marussia | 1 lap |
| 18. | Heikki Kovalainen (Finlandja) Caterham | 1 lap |
| 19. | Pastor Maldonado (Venezwela) Williams | 2 laps |
| 20. | Charles Pic (Franza) Marussia | 2 laps |
| 21. | Pedro de la Rosa (Spanja) HRT | 2 laps |
| 22. | Narain Karthikeyan (Indja) HRT | 2 laps |
| **Irtiraw** | | |
| | Kamui Kobayashi (Ġappun) Sauber | 10 laps |
| | Romain Grosjean (Franza) Lotus | 53 laps |

## Klassifika

**Sewwieqa**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 35 |
| 2. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 30 |
| 3. | Jenson Button (Britannja) McLaren | 25 |
| 4. | Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 24 |
| 5. | Sergio Perez (Messiku) Sauber | 22 |
| 6. | Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull | 18 |
| 7. | Kimi Raikkonen (Finlandja) Renault | 16 |
| 8. | Bruno Senna (Brażil) Williams - Renault | 8 |
| 9. | Kamui Kobayashi (Ġappun) Sauber | 8 |
| 10. | Paul Di Resta (Britannja) Force India | 7 |
| 11. | Jean-Eric Vergne (Franza) Toro Rosso | 4 |
| 12. | Daniel Ricciardo (Awstralja) Toro Rosso | 2 |
| 13. | Nico Huelkenberg (Ġermanja) Force India | 2 |
| 14. | Michael Schumacher (Ġermanja) Mercedes | 1 |

**Kostrutturi**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | McLaren - Mercedes | 55 |
| 2. | RedBull - Renault | 42 |
| 3. | Ferrari | 35 |
| 4. | Sauber | 30 |
| 5. | Lotus | 16 |
| 7. | Force India | 9 |
| 8. | William | 8 |
| 6. | Toro Rosso | 6 |
| 8. | Mercedes | 1 |

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 30 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt

# Shockwave therapy in sports

by Dr. Kirill Micallef Stafrace
Sports and Exercise Medicine Consultant and Senior Lecturer in Sports Science





I first encountered this ominous sounding treatment during my medical student days when Extracorporeal Shockwave Therapy ( ESWT ) was a revolutionary new therapy to treat biliary stones and kidney stones( technically speaking ESWL the L standing for Lithotripsy or "breaking stones") by applying sound waves and therefore avoiding an operation.

Its use in musculoskeletal therapy was developed in Europe in the Nineties and has found its niche especially for the treatment of plantar fasciitis, epicondylitis, tendinosis and non-union of bone. However it must be said that other uses are continually being proclaimed, some of which do carry some merit. The good news for the man in the street is that the original prohibitive costs of owning a ESWT machine have gone down significantly in the past few years and this means that the therapy is much more affordable. In Malta a number of centres now offer the service.

So how does it work exactly? The reasoning behind the therapy is that the sound waves shock the diseased tissues into activating their own natural healing mainly via a response involving increased blood supply and oxygen with the resultant stimulation of new healthy tissue and some pain relief. In the right hands it can produce remarkable results with some studies indicating improvements in up to 90% of patients. This is rather impressive especially when one considers that the patients who undergo ESWT often have had the problem for quite some time.

What can you expect from the therapy? Results might not be seen after one session and so at least 3 sessions are usually required. If no improvements are seen after these then it is unlikely to be an effective therapy for the problem being treated. The treatment usually lasts under 5 minutes and might be a bit painful for the patient during and immediately after. Certain precautions must be taken if the patient has certain medical conditions and there are even some specific contraindications such as pregnancy and cancer.

I have been prescribing ESWT for the last few years with sometimes amazing results(even as a patient myself). However, one must remember that it is not a magic pill. Nothing can replace an accurate diagnosis of the problem with the resultant appropriate treatment plan that might involve ESWT, but must definitely require other therapeutic modalities and even more so the correction of any predisposing factors. Otherwise the issue will just recur.

*Dr. Kirill Micallef Stafrace is a Sports and Exercise Medicine Consultant and a Senior Lecturer in Sports Science.*
sportmedicinedoc@gmail.com



vitalise life

Ginsana® restores energy levels over time.Thanks to G115®, the standardised ginseng extract whose efficacy and safety have been guaranteed by international clinical studies, Ginsana® is the smart choice to regain vitality naturally. Ginsana® contains no sugar, is safe for diabetics, suitable for people on hypocaloric diets, does not lead to dependence or addiction and has no doping effect.

*Discover how we prepare, vitalise, protect and restore, naturally and effectively, at www.ginsanaproducts.com*

Swiss Quality
Clinically Proven




ginsana

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Chelsea F.C.

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' April, 2012.

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Chelsea F.C. ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 59

**Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 59 huwa:**

**Keith Barbara - Naxxar**





IRBAĦ WEEKEND BREAK MA'

Le MERIDIEN
ST. JULIANS HOTEL & SPA

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' April, 2012

**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem ____________

Indirizz ____________

Email ____________

# SPORTIV Tisliba

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 59

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| G | R | I | F | F | I | T | H | S | | S | T | A | R |
| E | | P | | R | | H | E | L | D | | H | | I |
| N | A | P | I | E | R | | C | | O | | U | W | E |
| O | | I | | D | | O | T | T | M | A | R | | R |
| V | | C | O | D | I | N | O | | E | | S | P | A |
| E | V | A | N | I | | | R | I | N | A | T | | |
| S | | | A | E | T | | | | E | | O | | B |
| E | M | A | N | | R | | C | I | C | I | N | H | O |
| | U | | A | L | I | | H | | H | | | | E |
| R | T | A | | | G | | A | H | | | M | A | R |
| | A | | | F | A | R | R | U | G | I | A | | O |
| C | I | N | I | | N | | I | | A | | R | S | |
| U | | O | | | Z | O | T | T | I | | I | | L |
| S | T | I | K | K | A | | Y | | L | E | N | D | L |

Ir-rebbieħ tal-Ħarġa Nru. 59 ta' Frar 2012 huwa: George Tabone - Zabbar

**MIMDUDIN**

1) Aleksandrs, l-attakkant mil-Latvja ta' Valleta FC (10)
6) u 11) Armstrong, rebbieħ ta' seba' 'Tour de France' (5)
9) Jeremy, judoka Malti fil-Klassi Junior (7)
10) Sebastian, żagħżugħ promettenti ħafna fl-Ibburdjar (6)
11) Ara 6 Mimdudin
12) Bugeja, weightlifter żagħżugħa Maltija (7)
16) Dixxiplina fl-iSport tal-iSparar (4)
19) Scerri, sprinter internazzjonali Maltija (4)
20) L-ewwel Olimpjadi saru hawn bejn is-6 u l-15 ta' April 1896 (5)
21) "Formula ..." (3)
22) ".... d'Echal", żiemel Franċiż ta' 11-il sena (4)
23) Inter Amateur Soccer Association (1,1,1,1)
25) Stazzjon televiżiv barrani li jxandar ħafna sports dirett (3)
27) It-tim Russu tal-futboler Samuel Eto'o (5)
29) Il-klabb Ingliż tal-Futbol li jilgħab f'Elland Road (5)
31) Miroslav - 114-il partita, 63 gowl għal Ġermanja (5)
34) Patrick, judoka Malti b'dixxendenza Irlandiża (6)
36) Fédération Internationale de l'Automobile (1,1,1)
37) Mike l-eks boxer, magħruf ukoll bħala Malik Abdul Aziz (5)
39) In Vitro .. Bourg, żiemel 'veteran' Franċiż (2)
40) Belozoglu, midfilder Tork ta' Fenerbahce Spor Kulübü (4)
42) Raymund, plejer Ungeriż ta' Sliema WPC (5)
43) Jeremy Shu-How, baskitboler ta' New York Knicks (3)
44) Olympique Lyon (1,1)
45) Hamit u Halil Altin..., futbolers tewmin mit-Turkija (3)
46) Tottenham Hotspurs (1,1)

**WEQFIN**

1) Clayton, plejer internazzjonali Malti tas-Snooker u Pool (8)
2) Martin, golfer professjonali Ġermaniż (6)
3) Standard ....., tim tal-Futbol fl-ogħla divizjoni fil-Belġju (5)
4) Martin, il-kowċ Olandiż ta' Fulham FC (3)
5) Iż-żiemel meqjus bħala l-aqwa trotter ta' kull żmien (7)
7) Cauchi, champion renjanti tal-Karting f'Malta (6)
8) "Penalty ....", f'nofs il-kaxxa l-kbira (4)
11) Sebastian, eks sprinter Ingliż 'tad-deheb' (3)
13) Il-laqam ta' Roberto Mancini, kowċ ta' Man City FC (6)
14) Jonathan, baskitboler ta' Loyola (7)
15) "The Potters" tal-English Premier League (5)
17) Jonathan, attakkant Brażiljan ta' St. George's FC (4)
18) Andrea, midfilder ta' Inter misluf mingħand Sampdoria (4)
24) Dixxiplina Ġappuniża tal-Arti Marzjali (6)
26) Alfred Kirwa ...., atleta Kenjan tat-800 metru (4)
27) Assoċjazzjoni Sport Muturi (1,1,1)
28) Fernando, 439 partita fid-difiża ta' Real Madrid FC (6)
30) Doncic, kowċ attwali ta' Sliema Wanderers FC (6)
32) Niki, eks sewwieq tal-Ferrari u McLaren (5)
33) Mhux FINISH (5)
35) Law, judoka Malti fil-kategorija Senior 60kgs (5)
38) ".... Dimanche", trotter Svediż ta' 8 snin (4)
41) Ara 42 Weqfin
42) u 41) Evan, plejer Amerikan ta' Floriana Basketball Club (5)


YOU'VE GOT
THE POWER.
WE'VE GOT THE REST.
VISIT US NOW.
lemeridienmalta.com/fitness-gym-malta
or call 2311 2861.
Le Méridien
Lotus Fitness Center
LE MERIDIEN ST. JULIANS
HOTEL + SPA
39, MAIN STREET, BALLUTA BAY ST JULIANS STJ 1017
T: +356 2311 0000
sales.malta@lemeridien.com
lemeridienmalta.com
Le MERIDIEN
ST. JULIANS HOTEL & SPA
N 55° 35′ E 30° 14′


WIN UEFA EURO 2012™ TICKETS
UEFA EURO2012 POLAND-UKRAINE
WIN UEFA EURO 2012 TICKETS
What would you do to be there?
What would you do to be there?
See base and inside of EURO 2012 6-pack for competition details
EURO2012
That calls for a Carlsberg™
FREEPHONE 8007 4403
Drink Responsibly
Find us on
Terms and conditions apply.